



# Dokument tematiku

## Disinni Komunitarji

Disinn huwa dritt ta' proprjetà intellettuali li jipproteġi d-dehra ta' prodott. Ir-Regolament Nru 6/2002<sup>1</sup> ta lill-Unjoni Ewropea sistema speċifika ta' protezzjoni bil-ħolqien tad-disinn Komunitarju.

Id-disinn Komunitarju għandu karattru unitarju u jiproduċi l-istess effetti fl-Unjoni kollha. Huwa għalhekk jagħti lill-proprjetarju tiegħi, fit-territorju tal-Unjoni, id-dritt esklużiv li jużah u li jiprojbx xi l-kull terz milli jużah mingħajr il-kunsens tiegħi. Il-perijodu ta' protezzjoni huwa ta' 5 snin u jista' jiġi estiż sa massimu ta' 25 sena.

Ir-reġistrazzjoni tad-disinni Komunitarji titwettaq mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), li għandu wkoll kompetenza sabiex jiddeċiedi talbiet għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' disinni Komunitarji rreġistrati. Id-deċiżjonijiet tal-EUIPO jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell quddiem il-Bordijiet tal-Appell tal-EUIPO. Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tieħu konjizzjoni tar-rikorsi intiżi għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-imsemmija Bordijiet tal-Appell. Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-eżami tiegħi huwa suġġett għall-proċedura ta' ammissjoni. Barra minn hekk, talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' disinni Komunitarju rreġistrat tista' titressaq, fuq livell nazzjonali, quddiem qorti tad-disinni Komunitarji, fuq il-bażi ta' kontrotalba fi proċedimenti ta' kontrafazzjoni.

Barra minn hekk, ir-Regolament Nru 6/2002 jipprevedi wkoll il-protezzjoni tad-disinni Komunitarji mhux irreġistrati. Dawn huma protetti għal perijodu ta' 3 snin mill-iżvelar tagħhom fl-Unjoni.

Dan id-dokument tematiku jagħti ġarsa ġenerali lejn il-ġurisprudenza fil-qasam tad-disinni Komunitarji.

<sup>1</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 13, Vol. 27, p. 142).

**WERREJ<sup>2</sup>**

<b>I. KUNDIZZJONIJIET GĦALL-PROTEZZJONI U RAĠUNIJIET GĦAL INVALIDITÀ .....</b>	<b>3</b>
1. Definizzjoni tad-disinn .....	3
a) Kundizzjoni ta' rappreżentazzjoni tad-disinn.....	3
b) Kundizzjoni ta' viżibbiltà.....	4
c) Kunċett ta' "prodott" u portata tad-deskrizzjoni .....	5
2. Novità .....	6
3. Karatru individwali.....	8
a) Kriterji ta' evalwazzjoni.....	8
b) Is-settur industrijali tal-prodott ikkonċernat .....	10
c) Utent avżat .....	12
d) Grad ta' libertà tad-disinjatur .....	14
e) Impressjoni globali.....	17
4. Żvelar.....	18
a) Kriterji ta' evalwazzjoni.....	18
b) Preżunzjoni ta' żvelar.....	20
c) Prova tal-iżvelar .....	21
d) Perijodu ta' grazja .....	24
5. Disinn li jikkostitwixxi komponent ta' prodott kumpless .....	25
a) Kundizzjonijiet għall-protezzjoni.....	25
b) Tiswiġa ta' prodott kumpless .....	27
6. Disinni ddettati mill-funzjoni teknika tagħhom u disinni ta' interkonnessjoni .....	29
7. Kunflitt ma' disinn preċedenti .....	32
8. Użu ta' sinjal distintiv f'disinn ulterjuri.....	34
9. Użu mhux awtorizzat ta' xogħol protett mid-drittijiet tal-awtur .....	36
<b>II. DRITTIJET MOGĦTIJA MID-DISINNI .....</b>	<b>38</b>
1. Proprietà tad-dritt għad-disinn .....	38
2. Effetti tad-dritt għad-disinn.....	39
<b>III. PROĊEDURA U KONTENZJUŻ .....</b>	<b>43</b>
1. Applikazzjoni għal u proċedura ta' regiżazzjoni – Data ta' referenza tal-eżami.....	43
2. Talba u proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità .....	44
a) Ammissibbiltà tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità.....	44
b) Suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità .....	45
c) Portata tal-eżami tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità .....	45
d) Provi mhux prodotti fil-ħin .....	47
e) Żamma b'forma modifikata .....	48
3. Kawżi quddiem il-qorti tal-Unjoni – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju .....	49

<sup>2</sup> Dan il-werrej isegwi, essenzjalment, l-istruttura tal-intestatura "Disinni Komunitarji" fir-Repertorju tal-ġurisprudenza.

## I. Kundizzjonijiet għall-protezzjoni u raġunijiet għal invalidità

### 1. Definizzjoni tad-disinn

#### a) Kundizzjoni ta' rappreżentazzjoni tad-disinn

- [Sentenza tal-5 ta' Lulju 2018, Mast-Jägermeister vs EUIPO \(C-217/17 P, EU:C:2018:534\)](#)<sup>3</sup>

Mast-Jägermeister SE ppreżentat applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' żewġ disinni Komunitarji. Il-protezzjoni ntalbet għal "tazzi", iżda r-rappreżentazzjoni ippreżentati kienu jru tazza u flixkun.

L-EUIPO qies li ma setgħet tiġi identifikata ebda data tal-preżentata ta' dawn l-applikazzjonijiet peress li r-rappreżentazzjoni ta' dawn id-disinni ma kinitx tippermetti li jiġi ddeterminat jekk il-protezzjoni ntalbitx għat-tazza, għall-flixkun jew għal kombinazzjoni tat-tnejn. Il-Qorti ġenerali ċaħdet ir-rikors kontra din id-deċiżjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appell u ddeċidiet li r-rappreżentazzjoni tad-disinn li kienet tinsab fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni kellha tippermetti li jiġi identifikat b'mod ċar l-oġġett li għalih intalbet il-protezzjoni.

L-ewwel nett, din il-konklużjoni tirriżulta mill-analiżi tal-formulazzjoni tal-Artikolu 36(1)(c) tar-Regolament Nru 6/2002, li jipprevedi li l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' disinn għandha tinkludi "rappreżentazzjoni tad-disinn xieraq għar-riproduzzjoni". Il-kunċett ta' rappreżentazzjoni jinkludi, fih innifsu, l-idea li d-disinn għandu jkun jista' jiġi identifikat b'mod ċar. Barra minn hekk, l-Artikolu 4(1)(e) tar-Regolament Nru 2245/2002, għalkemm ma jżidx rekwiżiti sostantivi ma' dak tal-Artikolu 36(1)(c) tar-Regolament Nru 6/2002, jispeċifika, b'mod partikolari, li r-rappreżentazzjoni għandha tkun ta' kwalità suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jiġi identifikati b'mod ċar id-dettalji kollha tal-oġġett li għalih tkun qiegħda tintalab il-protezzjoni.

Sussegwentement, din l-interpretazzjoni litterali hija kkonfermata mill-interpretazzjoni teleoloġika tal-Artikolu 36(1)(c) tar-Regolament Nru 6/2002, li huwa intiż li jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' reġistrazzjoni tad-disinni. Għalhekk, ir-rekwiżit ta' rappreżentazzjoni grafika għandu l-funzjoni b'mod partikolari li jiġi ddefinit id-disinn stess sabiex jiġi ddeterminat is-suġġett eżatt tal-protezzjoni mogħtija lill-proprietarju mid-disinn irreġistrat.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li r-reġistrazzjoni ta' disinn f'reġistru pubbliku għandha l-għan li tagħmel dan id-disinn aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti u għall-pubbliku, b'mod partikolari għall-operaturi ekonomiċi. Minn naħħa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jagħrfu b'mod ċar u bi preċiżjoni n-natura tal-elementi li jikkostitwixxu disinn sabiex ikunu f'pożizzjoni li jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jirrigwardaw l-eżami preliminari tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni kif ukoll il-pubblikazzjoni u ż-żamma ta' reġistru xieraq u preċiż tad-disinni. Min-naħħa l-oħra, l-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu jistgħu jidher kieni jidher.

<sup>3</sup> Ara wkoll is-sentenza tad-9 ta' Frar 2017, [Mast-Jägermeister vs EUIPO \(Tazzi\)](#) (T-16/16, EU:T:2017:68).

## DISINNI KOMUNITARJI

b'ċarezza u bi preċiżjoni, ir-reġistrazzjonijiet magħmula jew l-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni ppreżentati mill-kompetituri attwali u potenzjali tagħhom u b'hekk għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn informazzjoni rilevanti li tikkonċċerna d-drittijiet ta' terzi. Tali rekwiżit huwa intiż li jiġura ċ-ċertezza legali ta' terzi.

Barra minn hekk, il-fatt li d-data tal-preżentata tippermetti li jinkiseb dritt ta' priorità jiġġustifika, fih innifsu, ir-rekwiżit li r-rappreżentazzjoni ma jkollhiex nuqqasijiet ta' preċiżjoni fir-rigward tad-disinn li għalihi tkun qiegħda tintalab ir-reġistrazzjoni. Fil-fatt, applikazzjoni għal reġistrazzjoni li jkollha nuqqas ta' preċiżjoni toħloq ir-riskju li disinn li s-suġġett tal-protezzjoni tiegħu ma jkunx identifikat b'mod ġar jkseb protezzjoni eċċessiva taħt id-dritt ta' priorità.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-analiżi kuntewswali, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Artikolu 12(2) tar-Regolament Nru 2245/2002 jipprovi li rettiffika tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni ma tistax tibdel ir-rappreżentazzjoni tad-disinn ikkonċernat. Issa, dan neċċessarjament jimplika li l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, qabel ma tkun tista' tinkiseb data tal-preżentata, għandu jkun fiha tali rappreżentazzjoni li tippermetti li jiġi identifikat is-suġġett li għalihi tkun qiegħda tintalab il-protezzjoni.

Għaldaqstant, ir-rappreżentazzjoni ta' disinn li għalihi tkun qiegħda tintalab ir-reġistrazzjoni għandha tippermetti li dan id-disinn jiġi identifikat b'mod ġar. Issa, mill-Artikolu 46(2) tar-Regolament Nru 6/2002 jirriżulta li applikazzjoni li jkun fiha irregolaritajiet relatati mal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 36(1) ta' dan ir-regolament, li ma jkunux ġew irrimedjati fit-terminu previst, ma għandhiex titqies li hija applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' disinn Komunitarju u li, konsegwentement, ma tista' tingħata ebda data tal-preżentata.

### **b) Kundizzjoni ta' viżibbiltà**

- *[Sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Easy Sanitary Solutions u EUPO vs Group Nivelles \(C-361/15 P u C-405/15 P, EU:C:2017:720\)](#)*<sup>4</sup>

Easy Sanitary Solutions BV kienet il-proprietar ta' disinn Komunitarju li jirrapreżenta drejn għall-evakwazzjoni tal-ilma tad-doċċa. I-Drain, li tagħha Group Nivelles NV kienet is-suċċessura fit-titolu, ressjet quddiem l-EUPO talba għad-dikjarazzjoni tal-invalidità tad-disinn ikkontestat, ibbażata b'mod partikolari fuq l-assenza ta' novità. Il-Bord tal-Appell tal-EUPO qies li d-disinn ikkontestat kelli karattru ġdid. Din id-deċiżjoni ġiet annullata mill-Qorti Ġenerali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appelli ppreżentati minn Easy Sanitary Solutions u mill-EUPO. Hijha ddeċidiet li l-fatt li karatteristika ta' disinn tkun viżibbli jikkostitwixxi kundizzjoni essenziali għal din il-protezzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, meta l-parti li tressaq talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tinvoka r-raġuni għal invalidità prevista fl-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 6/2002, din il-parti għandha tiproduċi elementi li jkunu ta' natura li juru li d-disinn ikkontestat ma jissodis fax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 9 ta' dan ir-regolament.

<sup>4</sup> Ara wkoll it-Taqsimiet “I. 2. Novità” u “I. 4. a. Żvelar – Kriterji ta’ evalwazzjoni”, kif ukoll is-sentenza tat-13 ta’ Mejju 2015, [Group Nivelles vs UASI – Easy Sanitary Solutions \(Drejn għall-evakwazzjoni tal-ilma tad-doċċa\)](#) (T-15/13, EU:T:2015:281).

## DISINN KOMUNITARJI

Barra minn hekk, l-evalwazzjoni tal-karattru ġdid ta' disinn għandha titwettaq b'rabta ma' disinn wieħed jew iktar li jkun jew li jkunu spċifici, individwalizzati, iddeterminati u identifikati fost id-disinni kollha żvelati lill-pubbliku preċedentement.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont l-Artikolu 3(a) tar-Regolament Nru 6/2002, disinn huwa ddefinit bħala "id-dehra ta' prodott fl-intier tiegħu jew f'parti minnu li tirriżulta mill-karatteristiċi ta', b'mod partikolari, il-linji, il-konfigurazzjoni, il-kuluri, l-ġħamla, in-nisgħa u/jew il-materjali tal-prodott innifsu u/jew ta' l-ornamenti tiegħu". Minn dan isegwi li, fil-kuntest tas-sistema prevista fl-imsemmi regolament, id-dehra tikkostitwixxi l-element determinanti ta' disinn.

Għaldaqstant, il-fatt li karatteristika ta' disinn tkun viżibbli jikkostitwixxi kundizzjoni essenzjali għal din il-protezzjoni. F'dan is-sens, il-premessa 12 tar-Regolament Nru 6/2002 tindika li l-protezzjoni tad-disinni ma għandhiex tkopri l-komponenti li ma jkunux viżibbli waqt użu normali ta' prodott, u lanqas ma għandha tkopri l-karatteristiċi ta' komponent li ma jkunux viżibbli meta dan il-komponent ikun armat, u li dawn il-karatteristiċi ma għandhomx, konsegwentement, jittieħdu inkunsiderazzjoni meta jiġi evalwat jekk karatteristiċi oħra ta' dan id-disinn jissodisfawx il-kundizzjonijiet għall-kisba tal-protezzjoni.

Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li huwa essenzjali li l-istanzi tal-EUIPO jkollhom stampa tad-disinn preċedenti, li għandha tippermetti l-identifikazzjoni tad-dehra tal-prodott li fih ikun inkorporat id-disinn u l-identifikazzjoni b'mod preċiż u ċert tad-disinn preċedenti sabiex ikunu jistgħu jwettqu evalwazzjoni tal-karattru ġdid u tal-karattru individwali tad-disinn ikkontestat.

B'hekk, il-parti li tressaq talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità għandha tipprovd i l-Uffiċju l-identifikazzjoni u r-riproduzzjoni preċiżi u sħaħi tħalli tħalli li tkun allegat il-priorità tiegħu, bil-ġhan li jintwera li d-disinn ikkontestat ma jistax jiġi rreġistrat b'mod validu.

### c) Kunċett ta' "prodott" u portata tad-deskrizzjoni

- [Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2017, Ball Beverage Packaging Europe vs EUIPO – Crown Hellas Ċans \(Laned\) \(T-9/15, EU:T:2017:386\)](#)

Ball Beverage Packaging Europe Ltd kienet il-proprietarja ta' disinn irreġistrat mal-EUIPO, li jirrappreżenta laned, skont ir-Regolament Nru 6/2002. Id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni kienet ċaħdet it-talba għad-dikjarazzjoni tal-invalidità ta' dan id-disinn imressqa minn Crown Hellas Ċans SA. Din id-deċiżjoni, iżda, kienet għiet annullata mill-Bord tal-Appell, li ddikjara l-invalidità tal-imsemmi disinn għar-raġuni li ma kellux karattru individwali, mingħajr madankollu ma ġha pożizzjoni dwar il-karattru ġdid tiegħu.

Il-Qorti ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, filwaqt li għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet utli dwar in-natura tal-proċedura ta' regiestrazzjoni ta' disinni Komunitarji, dwar il-kunċett ta' "prodott", fis-sens tal-Artikolu 3(a) tar-Regolament Nru 6/2002, u dwar il-portata tad-deskrizzjoni tad-disinn ikkontestat li għandha tingħata fl-applikazzjoni għal regiestrazzjoni skont l-Artikolu 36(3)(a) tal-imsemmi regolament.

L-ewwel nett, il-Qorti Ĝeneralni rrilevat li, sa fejn id-definizzjoni tas-suġġett tal-protezzjoni tad-disinn ikkонтestat tagħmel parti mill-eżami fil-mertu tar-reġistrazzjoni tal-imsemmi disinn, eventwali teħid ta' pożizzjoni mill-EUIPO fuq din il-kwistjoni waqt il-proċedura ta' reġistrazzjoni ma jistax jorbot lill-Bord tal-Appell fid-dawl tan-natura essenzjalment formal u mħaffa tal-verifika mwettqa mill-EUIPO waqt din il-proċedura ta' reġistrazzjoni.

Sussegwentement, il-Qorti Ĝeneralni ċaħdet l-ilment ibbażat fuq l-argument li l-Bord tal-Appell kien żbalja meta qies li d-disinn ikkонтestat, jiġifieri r-rappreżentazzjoni ta' tliet laned ta' qisien differenti, ma kienx jikkostitwixxi prodott, fis-sens tal-Artikolu 3(a) tar-Regolament Nru 6/2002. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ĝeneralni osservat li s-suġġett ta' disinn jista' jkun biss oġġett wieħed, billi l-imsemmi artikolu jirreferi espressament għad-dehra ta' "prodott". Barra minn hekk, hija ppreċiżat li grupp ta' oġġetti jista' jikkostitwixxi "prodott" fis-sens tad-dispożizzjoni msemmija jekk dawn ikunu estetikament marbuta, ikollhom relazzjoni funzjonali u jkunu ta' sirkwit ikkummerċjalizzati bħala prodott wieħed. B'hekk, il-Qorti Ĝeneralni qieset li f'dan il-każ kien manifest li t-tliet laned irrappreżentati fid-disinn ikkонтestat ma kinux jissodisfaw funzjoni komuni fis-sens li ma kinux jissodisfaw funzjoni li ma setgħetx tkun issodisfatta minn kull waħda minnhom individualment bħalma huwa l-każ, pereżempju, tal-pożati tal-mejda jew taċ-chessboard u l-pedini taċ-ċess.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ĝeneralni osservat li d-deskrizzjoni eventwalment inkluża fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni ma tistax tinfluwenza evalwazzjonijiet sostantivi relatati man-novità jew mal-karatru individwali tad-disinn inkwistjoni. Skont il-Qorti Ĝeneralni, din id-deskrizzjoni lanqas ma jista' jkollha influwenza fuq il-kwistjoni dwar liema jkun is-suġġett tal-protezzjoni tad-disinn inkwistjoni, li hija mingħajr dubju marbuta mal-evalwazzjonijiet relatati man-novità jew mal-karatru individwali.

## 2. Novità

- [Sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Easy Sanitary Solutions u EUIPO vs Group Nivelles \(C-361/15 P u C-405/15 P, EU:C:2017:720\)](#)<sup>5</sup>

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement<sup>6</sup>, il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'appell, irrilevat li l-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament Nru 6/2002 ma jissuġġettax il-karatru ġdid ta' disinn għall-prodotti li fihom huwa jkun jista' jiġi inkorporat jew li għalihom ikun jista' jiġi applikat. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 6/2002, il-protezzjoni mogħtija mid-disinn Komunitarju tkopri "kull disinn" li ma jipproduċix impressjoni viżiva globali differenti għall-utent avżat.

Barra minn hekk, kemm mill-Artikolu 36(6) kif ukoll mill-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 6/2002 jirriżulta li disinn Komunitarju rreġistrat jagħti lill-proprietarju tiegħi d-dritt esklużiv li juża d-

<sup>5</sup> Ara wkoll it-Taqsimiet "I. 1. b. Definizzjoni tad-disinn – Kundizzjoni ta' viżibbiltà", u "I. 4. a. Żvelar – Kriterji ta' evalwazzjoni", kif ukoll is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, [Group Nivelles vs UASI – Easy Sanitary Solutions \(Drejn għall-evakwazzjoni tal-ilma tad-doċċa\)](#) (T-15/13, EU:T:2015:281).

<sup>6</sup> Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima "I. 1. b. Definizzjoni tad-disinn – Kundizzjoni ta' viżibbiltà", p. 6.

disinn ikkonċernat fuq kull tip ta' prodott, u mhux biss fuq il-prodott indikat fl-applikazzjoni għal regiżazzjoni.

Għalhekk, disinn Komunitarju ma jistax jitqes li huwa ġdid jekk disinn identiku jkun diġà ġie żvelat lill-pubbliku, u dan anki jekk dan id-disinn preċedenti jkun intiż li jiġi inkorporat fi prodott differenti jew li jiġi applikat għal dan tal-aħħar. Fil-fatt, il-fatt li l-protezzjoni mogħtija lil disinn ma tkunx limitata għall-prodotti biss li fihom ikun intiż li jiġi inkorporat jew li għalihom ikun intiż li jiġi applikat jimplika neċċesarjament li l-evalwazzjoni tal-karatru ġdid ta' disinn lanqas ma għandha tkun limitata għal dawn il-prodotti biss.

- [Sentenza tas-6 ta' Ġunju 2013, Kastenholz vs UASI – Qwatchme \(Uċuħ ta' arloġġ\) \(T-68/11, EU:T:2013:298\)](#)<sup>7</sup>

Qwatchme A/S kienet il-proprietar ta' disinn Komunitarju reregistrat mal-UASI (li sar l-EUIPO), li kien jirrappreżenta uċuħ ta' arloġġ, skont ir-Regolament Nru 6/2002. Il-Bord tal-Appell, filwaqt li kkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, ċaħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa minn Erich Kastenholz għar-raġuni li d-disinn ikkontestat kien tabilħaqq distint mid-disinni preċedenti minħabba d-differenzi li kien hemm bejn id-diski.

Il-Qorti Ĝeneralis ċaħdet ir-rikors ippreżentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, filwaqt li ddeċidiet li d-disinni kunfliġġenti ma kinux identiċi minħabba li l-karakteristiċi tagħhom ma kinux differenti biss fir-rigward ta' dettalji mhux sinjifikattivi.

Din is-sentenza tirrigwarda, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti ta' novità u ta' karatru individwali li minnhom tiddependi l-protezzjoni tad-disinni Komunitarji. Il-Qorti Ĝeneralis rrilevat li mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 6/2002 jirriżulta li żewġ disinni għandhom jitqiesu li huma identiċi jekk il-karakteristiċi tagħhom ikunu differenti biss fir-rigward ta' dettalji mhux sinjifikattivi, jiġifieri fir-rigward ta' dettalji li ma jkunux percepibbi immedjatamente u li għaldaqstant ma jiprodux differenzi, anki dgħajfa, bejn l-imsemmija disinni.

Għall-kuntrarju, bil-għan li tiġi evalwata n-novità ta' disinn, għandha tiġi evalwata l-eżistenza ta' differenzi li ma jkunux mingħajr sinjifikat bejn id-disinni kunfliġġenti, anki jekk dawn id-differenzi jkunu dgħajfa. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ĝeneralis ddeċidiet li l-formulazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 6/2002 tmur lil hinn minn dik tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament. Għalhekk, id-differenzi kkonstatati bejn id-disinni kunfliġġenti fil-kuntest ta' dan l-aħħar artikolu jistgħu, speċjalment jekk dawn id-differenzi jkunu dgħajfa, ma jkunux suffiċjenti sabiex jiprodu għall-utent avżat impressjoni globali differenti fis-sens tal-Artikolu 6 tal-istess regolament. F'dan il-każ, id-disinn ikkontestat jista' jitqies li jkun ġdid fis-sens tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 6/2002, iżda mhux li jkun ta' karatru individwali fis-sens tal-Artikolu 6 tal-imsemmi regolament.

Mill-banda l-oħra, sa fejn il-kundizzjoni imposta minn dan l-artikolu tal-aħħar tmur lil hinn minn dik imposta mill-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 6/2002, impressjoni globali differenti għall-utent avżat fis-sens tal-Artikolu 6 tal-istess regolament tista' tkun ibbażata biss fuq l-eżistenza ta' differenzi oġġettivi bejn id-disinni kunfliġġenti. Għaldaqstant, dawn id-differenzi għandhom ikunu

<sup>7</sup> L-appell ippreżentat minn din is-sentenza ġie miċħud permezz tad-digriet tas-17 ta' Lulju 2014, [Kastenholz vs UASI \(C-435/13 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2124\)](#).

sufficienti sabiex tiġi ssodisfatta l-kundizzjoni ta' novità prevista fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 6/2002.

### 3. Karatru individwali

#### a) Kriterji ta' evalwazzjoni

- [Sentenza tad-19 ta' Ġunju 2014, Karen Millen Fashions \(C-345/13, EU:C:2014:2013\)](#)

Karen Millen Fashions Ltd ħolqot u bieqħet fl-Irlanda qmis bir-rigi, kif ukoll flokk iswed minsuġ. Dunnes Stores u Dunnes Stores (Limerick) Ltd xtraw kampjuni ta' dawn il-ħwejjeġ u sussegwentement għamlu kopji ta' dawn il-ħwejjeġ barra mill-Irlanda u qeqħduhom għall-bejgħ fil-ħwienet Irlandiżi tagħihom. Peress li affermat li kienet il-proprietarja ta' disinni Komunitarji mhux irregistriati fir-rigward tal-imsemmija ħwejjeġ, Karen Millen Fashions ressqt kawża bil-għan, b'mod partikolari, li tipprojbixxi lil Dunnes milli tuża dawn id-disinni, kif ukoll li tikseb kumpens. Adita bit-tilwima, is-Supreme Court (il-Qorti Suprema, I-Irlanda) għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi preliminari dwar l-evalwazzjoni tal-karatru individwali ta' disinn Komunitarju.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 6/2002 għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex disinn ikun jista' jitqies li għandu karatru individwali, l-impressjoni globali li dan id-disinn jiprodu ġħall-utent avżat għandha tkun differenti minn dik li tiġi prodotta għal dan l-utent minn disinn preċedenti wieħed jew iktar, meqjusa individwalment, u mhux minn kombinazzjoni ta' elementi iż-żolli, misluta minn diversi disinni preċedenti.

Fil-fatt, sa fejn jagħmel riferiment għall-impressjoni globali li tiġi prodotta għal utent avżat minn kull disinn li jkun ġie żvelat lill-pubbliku, l-imsemmi Artikolu 6 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-evalwazzjoni tal-karatru individwali ta' disinn għandha titwettaq fil-konfront ta' disinn wieħed jew iktar li jkun jew li jkunu spċifici, individwalizzati, iddeterminati u identifikati fost id-disinni kollha żvelati lill-pubbliku preċedentemente.

- [Sentenza tal-21 ta' Novembru 2013, El Hogar Perfecto del Siglo XXI vs UASI – Wenf International Advisers \(Trabixu\) \(T-337/12, EU:T:2013:601\)](#)

El Hogar Perfecto del Siglo XXI, SL, kienet il-proprietarja ta' disinn Komunitarju li jirrappreżenta trabixu. Wenf International Advisers Ltd ressqt talba għad-dikjarazzjoni tal-invalidità ta' dan id-disinn għar-raġuni, b'mod partikolari, li ma kellux karatru individwali. L-UASI (li sar EUIPO) laqa' t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors u rrilevat li l-karatru individwali ta' disinn għandu jiġi evalwat, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 6/2002, billi jsir paragun tal-impressjonijiet globali prodotti mid-disinni kunfliegħenti għall-utent avżat u billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-grad ta' libertà tad-disinjatur. Għaldaqstant, il-kriterju relatati mal-inkonvenjenzi jew mad-diversi diffikultajiet ta' użu tad-disinn preċedenti li allegatament ġew solvuti bid-disinn ikkōntestat ma jinsabx fost dawk li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat il-karatru individwali ta' disinn. Barra minn

## DISINNI KOMUNITARJI

hekk, kif jirriżulta mill-Artikoli 1 u 3 tar-Regolament Nru 6/2002, id-dritt tad-disinni huwa intiż li jipproteġi d-dehra ta' prodott u mhux il-mod kif ikun maħsub li jintuża jew li jiffunzjona.

- [Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2021, Davide Groppi vs EUIPO – Viabizzuno \(Lampa għal fuq il-mejda\) \(T-187/20, EU:T:2021:363\)](#)<sup>8, 9</sup>

Fis-16 ta' Lulju 2014, Davide Groppi Srl ippreżentat applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' disinn Komunitarju li jirrappreżenta lampa għal fuq il-mejda quddiem l-EUIPO. Wara r-reġistrazzjoni tad-disinn, Viabizzuno Srl ressqa talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità, li fiha invokat l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 6/2002<sup>10</sup>, moqri flimkien mal-Artikolu 6 tal-istess regolament<sup>11</sup>, fir-rigward ta' disinn preċedenti għat-22 ta' Settembru 2011. Dan id-disinn preċedenti kien ġie ddikjarat invalidu fit-30 ta' Ottubru 2018.

Fit-22 ta' Novembru 2018, id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni ddikjarat invalidu d-disinn ta' Davide Groppi għar-raġuni li dan id-disinn ma kellux karattru individwali fis-sens tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 6/2002. Il-Bord tal-Appell ikkonferma din id-deċiżjoni u qies li l-fatt li d-disinn preċedenti kien ġie ddikjarat invalidu ma kienx rilevanti għaliex l-unika kwistjoni rilevanti kienet jekk kienx is-suġġett ta' żvelar.

Il-Qorti Ġenerali, adita b'rrikors għal annullament, ċaħdet ir-rikors ta' Davide Groppi. Għall-ewwel darba, il-Qorti Ġenerali enfasizzat l-assenza ta' konsegwenzi tad-dikjarazzjoni tal-invalidità, matul il-proċedura amministrattiva, tad-disinn preċedenti invokat insostenn ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' disinn ibbażata fuq l-Artikolu 25(1) (b) tar-Regolament Nru 6/2002. Barra minn hekk, hija ppreċiżat il-limiti tar-rwol li għandha n-natura tal-prodotti li fihom jiġu inkorporati d-disinni matul l-eżami ta' raġuni għal invalidità bbażata fuq din l-istess dispożizzjoni.

Il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-fatt li d-disinn preċedenti kien ġie ddikjarat invalidu ma huwa ta' ebda rilevanza kemm-il darba dan id-disinn ikun ġie żvelat. Fil-fatt, l-Artikolu 25(1) (b) tar-Regolament Nru 6/2002 huwa intiż li jipprekludi r-reġistrazzjoni ta' disinni li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet li jiġiustifikaw li dawn ikunu s-suġġett ta' protezzjoni, u b'mod partikolari l-kundizzjoni dwar il-“karattru individwali” tagħihom, fis-sens tal-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament, u mhux li jipproteġi disinn preċedenti. F'dan is-sens, il-Qorti Ġenerali fakkret li r-raġunijiet għal invalidità li jidhru fl-imsemmi artikolu ma jidħlu fil-loġika tal-protezzjoni ta' dritt preċedenti, offruta biss lill-proprietarju ta' dan id-dritt u li l-invalidità tiegħi tirrendi l-proċedura għal dikjarazzjoni ta' invalidità bla skop, imma jistgħu, bħala prinċipju, jiġi invokati minn kulħadd. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-evalwazzjoni tal-karattru individwali ta' disinn skont l-Artikolu 25(1)(b) u l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 6/2002, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li mill-

<sup>8</sup> L-appell minn din is-sentenza ma ġiex ammess (digriet tas-26 ta' Novembru 2021, [Davide Groppi vs EUIPO](#), C-490/21 P, mhux ippubblikat, EU:C:2021:968).

<sup>9</sup> Ara wkoll it-Taqsima “l. 3. b. Karattru individwali – Settur industrijali tal-prodott ikkonċernat”.

<sup>10</sup> Konformement mal-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 6/2002, kif emendat, disinn Komunitarju jista' jiġi ddikjarat invalidu biss jekk ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 9.

<sup>11</sup> Konformement mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 6/2002, intitolat “Karattru individwali”, disinn għandu jitqies li għandu karattru individwali jekk l-impressjoni globali li jipproduċi għall-utent avżat tkun differenti minn dik li jipproduċi għal tali utent kull disinn li kien ġie żvelat lill-pubbliku qabel id-data tal-preżentata tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew, fil-każ li tiġi invokata prioritā, qabel id-data ta' prioritā. Barra minn hekk, l-Artikolu 6(2) ta' dan ir-regolament jispeċiċka li, sabiex jiġi evalwat il-karattru individwali, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-grad tal-libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn.

premessa 14 ta' dan l-istess regolament jirriżulta li din l-evalwazzjoni għandha tikkonsisti fid-determinazzjoni ta' jekk tkunx teżisti differenza ċara bejn l-impressjoni globali li jiproduċi għal utent avżat li jarah u dik prodotta għal dan l-utent mill-corpus tad-disinni. Fil-fatt, hija ppreċiżat li d-disinn preċedenti għandu biss il-funzjoni li juri l-livell ta' żvilupp preċedenti, li jikkorrispondi għall-corpus tad-disinni li jirrigwardaw il-prodott inkwistjoni u li kienu ġew żvelati fid-data tal-preżentata tad-disinn ikkonċernat. Għaldaqstant, hija qieset li dak li huwa importanti huwa biss il-fatt li d-disinn preċedenti kien is-suġġett ta' żvelar, u mhux il-portata tal-protezzjoni mogħtija lill-imsemmi disinn li tirriżulta mill-validità tar-reġistrazzjoni tiegħu.

**b) Is-settur industrijali tal-prodott ikkonċernat**

- [Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2010, Shenzhen Taiden vs UASI – Bosch Security Systems \(Apparat għall-komunikazzjoni\) \(T-153/08, EU:T:2010:248\)](#)<sup>12</sup>

Shenzhen Taiden Industrial Co. Ltd kienet il-proprietarja ta' disinn Komunitarju rreġistrat mal-UASI (li sar l-EUIPO), li jirrapreżenta apparat għall-komunikazzjoni, skont ir-Regolament Nru 6/2002. Id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni kienet ċaħdet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' disinn imressqa minn Bosch Security Systems BV. Din id-deċiżjoni, iżda, għiet annullata mill-Bord tal-Appell, li qies li d-disinn ikkontestat ma kellux karattru individwali għar-raġuni li d-differenzi bejn l-imsemmi disinn u d-disinn internazzjonali preċedenti ma kinux suffiċjentement perċepibbi sabiex jiproduċu impressjoni globali differenti għall-utent avżat.

Il-Qorti ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, filwaqt li speċifikat li, kif jirriżulta mill-premessa 14 tar-Regolament Nru 6/2002, fl-evalwazzjoni tal-karattru individwali ta' disinn, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tal-prodott li għalih japplika d-disinn jew li fih ikun ser jiġi inkorporat dan id-disinn u, b'mod partikolari, tas-settur industrijali li jaqqa' taħtu.

- [Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2021, Davide Groppi vs EUIPO – Viabizzuno \(Lampa għal fuq il-mejda\) \(T-187/20, EU:T:2021:363\)](#)<sup>13</sup>

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħħha ġie espost preċedentement<sup>14</sup>, il-Qorti ġenerali, wara li kkonstatat li r-reġistrazzjoni tad-disinn ikkontestat kienet tirreferi b'mod ġenerali għal-lampi, fakkret li, għalkemm id-determinazzjoni tas-settur tal-prodotti hija kunsiderazzjoni rilevanti fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-utent avżat u tal-livell ta' attenzjoni tiegħu, tal-grad ta' libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn kif ukoll, jekk ikun il-każ, fil-kuntest tal-paragun tal-impressjonijiet globali prodotti għall-imsemmi utent avżat, din id-determinazzjoni ma tistax madankollu timplika li l-prodotti kkonċernati mid-disinni inkwistjoni jkunu simili jew jaqgħu taħt l-istess settur. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 6/2002 ma jipprevedi ebda kundizzjoni ta' xebħi bejn il-prodotti u li, jekk il-protezzjoni ta' disinn tkun

<sup>12</sup> Ara wkoll it-Taqsima "l. 3. c. Karattru individwali – Utent avżat".

<sup>13</sup> Ara wkoll it-Taqsima "l. 3. a. Karattru individwali – Kriterji ta' evalwazzjoni".

<sup>14</sup> Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-TaqSIMA "l. 3. a. Karattru individwali – Kriterji ta' evalwazzjoni", p. 10.

tiddependi min-natura tal-prodott, dan iwassal sabiex din il-protezzjoni tkun limitata biss għad-disinn li jaqgħu f'settur speċifiku.

- [Sentenza tal-10 ta' Novembru 2021, Eternit vs EUipo - Eternit Österreich \(Pannelli għall-kostruzzjoni\) \(T-193/20, EU:T:2021:782\)](#)

Wara applikazzjoni ppreżentata quddiem I-EUIPO, Eternit (il-Belġju) kisbet ir-reġistrazzjoni ta' disinn Komunitarju li jirrappreżenta pannell għall-kostruzzjoni. Eternit Österreich GmbH ressjet talba għad-dikjarazzjoni tal-invalidità ta' dan tal-aħħar, b'mod partikolari għar-raġuni li ma kellux karatru individwali 15 meta mqabbel mad-disinn preċedenti li jirrappreżenta pannell għall-ħitan li jnaqqas l-istorbju. L-EUIPO annulla d-disinn ikkontestat billi qies li ma kellux karatru individwali peress li, għall-utent avżat, dan id-disinn kien globalment simili għad-disinn preċedenti.

Il-Qorti Ġenerali čāħdet ir-rikors ta' Eternit kontra d-deċiżjoni tal-EUIPO. F'dan il-kawża, minn naħħa, il-Qorti Ġenerali kkjarifikat fir-rigward ta' liema mid-disinni kunfliġġenti għandhom jiġu ddefiniti s-settar ikkonċernat, l-utent avżat u l-grad ta' libertà tad-disinjatur. Min-naħħa l-oħra, hija ppreċiżat jekk il-prodotti effettivament ikkummerċjalizzati li fihom id-disinni kunfliġġenti ġew inkorporati jew li għalihom ġew applikati kinux rilevanti fil-kuntest tal-karatru individwali tad-disinn ikkontestat.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-evalwazzjoni tal-karatru individwali tad-disinn ikkontestat tirriżulta, essenzjalment, minn eżami f'erba' stadji. F'dan ir-rigward, hija ppreċiżat li l-ewwel tliet stadji tal-analiżi, jiġifieri d-determinazzjoni tas-settar ikkonċernat, tal-utent avżat u tal-grad ta' libertà tad-disinjatur, għandhom jitwettqu biss fir-rigward tad-disinn ikkontestat. Fil-fatt, peress li jista' jaqa' taħt settur kompletament differenti, ikkaratterizzat minn utent avżat u minn libertà tad-disinjatur distinti, id-disinn preċedenti ma huwiex rilevanti għall-finijiet ta' dawn l-ewwel tliet stadji tal-analiżi. Għall-kuntrarju, ir-raba' stadju, li jikkonsisti fil-paragun tal-impressjonijiet globali prodotti mid-disinni kunfliġġenti, jimplika t-teħid inkunsiderazzjoni kemm tad-disinn ikkontestat kif ukoll ta' dak preċedenti.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali osservat li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-karatru individwali, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-prodotti effettivament ikkummerċjalizzati li fihom id-disinni kunfliġġenti jiġu inkorporati jew li għalihom jiġu applikati. Hijra ppreċiżat li l-prodotti effettivament ikkummerċjalizzati jew il-mod ta' użu tagħhom ikunu rilevanti jekk ir-rappreżentazzjoni grafika jew fotografika tad-disinn inkwistjoni ma tippermettix, waħedha, li jiġu ddeterminati liema aspetti tiegħu ser ikunu viżibbli jew il-mod kif ser jiġi pperċepit viżivament. Fil-fatt, il-prodotti effettivament ikkummerċjalizzati jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni biss għal finijiet illustrattivi, sabiex jiġu ddeterminati l-aspetti viżivi tad-disinni. B'hekk, ma huwiex possibbli li jittieħed inkunsiderazzjoni prodott effettivament ikkummerċjalizzat jekk id-disinn li għalihi jiġi applikat jew li fih jiġi inkorporat ikun differenti mid-disinn kif irreġistrat, jew jekk juri karakteristiċi li ma jirriżultawx b'mod ċar mir-rappreżentazzjoni grafika ta' dan tal-aħħar.

<sup>15</sup> Fis-sens tal-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 6/2002, moqri flimkien mal-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament, disinn Komunitarju jista' jiġi ddikjarat invalidu jekk ma jkollux karatru individwali, b'tali mod li l-impressjoni globali li jipproduċi għall-utent avżat ma tkunx differenti minn dik prodotta għal tali utent minn disinn li jkun digħà ġie żvelat lill-pubbliku.

### c) Utent avżat

- [Sentenza tal-20 ta' Ottubru 2011, PepsiCo vs Grupo Promer Mon Graphic \(C-281/10 P, EU:C:2011:679\)](#)<sup>16</sup>

PepsiCo Inc. kienet il-proprietarja ta' disinn Komunitarju li jirrappreżenta oġġett promozzjoni cirkułari. Grupo Promer Mon Graphic SA ressjet quddiem I-EUIPO talba għad-dikjarazzjoni tal-invalidità ta' dan id-disinn ibbażata b'mod partikolari fuq l-eżistenza ta' disinn preċedenti. Il-Bord tal-Appell tal-EUIPO qies li d-disinni inkwistjoni kienu jiproduċu impressjoni globali differenti għall-utent avżat u għalhekk li d-disinn ikkонтestat ma kienx f'kunflitt mad-dritt preċedenti invokat. Wara li ġiet adita b'rirkors, il-Qorti Ġeneral annullat din id-deċiżjoni u qieset li d-differenzi kkonstatati mill-Bord tal-Appell ma kinux suffiċjenti sabiex id-disinn ikkонтestat jiproduči, għall-utent avżat, impressjoni globali differenti minn dik prodotta mid-disinn preċedenti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appell ippreżentat quddiemha, filwaqt li għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet dwar il-kunċett ta' utent avżat.

In-natura stess tal-utent avżat timplika li, meta jkun possibbli, huwa jwettaq paragun dirett tad-disinni inkwistjoni. Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li tali paragun ma jkunx jista' jsir jew ma jkunx normali li jsir fis-settur ikkonċernat, b'mod partikolari minħabba c-ċirkustanzi spċifici jew minħabba l-karatteristiċi tal-oġġetti rrappreżentati mid-disinni. Fl-assenza ta' indikazzjoni preċiża f'dan ir-rigward fil-kuntest tar-Regolament Nru 6/2002, ma setax jitqies li l-leġiżlatur tal-Unjoni kelli l-intenzjoni li jillimita l-evalwazzjoni tal-eventwali disinni għal paragun dirett.

Fir-rigward tal-livell ta' attenzjoni tal-utent avżat, għalkemm tali utent ma huwiex il-konsumatur medju normalment informat u raġonevolment attent u avżat li normalment jipperċepixxi disinn fl-intier tiegħu u ma jwettaqx eżami tad-diversi dettalji tiegħu, huwa lanqas ma huwa l-espert jew il-bniedem tas-sengħa li kapaċi josserva fid-dettall id-differenzi minimi li jistgħu jeżistu bejn id-disinni kunfliġġenti. B'hekk, id-deskrizzjoni "avżat" tissuġġerixxi li, mingħajr ma jkun disinjatur jew espert tekniku, l-utent ikun jaf diversi disinni li jeżistu fis-settur ikkonċernat, igawdi minn ċertu livell ta' konoxxenza fir-rigward tal-elementi li dawn id-disinni normalment ikun fihom u, minħabba l-interess tiegħu fil-prodotti kkonċernati, juża livell ta' attenzjoni relativamente għoli meta jagħmel użu minnhom.

- [Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2010, Shenzhen Taiden vs UASI – Bosch Security Systems \(Apparat għall-komunikazzjoni\) \(T-153/08, EU:T:2010:248\)](#)<sup>17</sup>

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement 18, il-Qorti Ġeneral spċifikat il-kunċett ta' utent avżat filwaqt li enfasizzat li l-kwalità ta' "utent" timplika li l-persuna kkonċernata tuża l-prodott li fih jiġi inkorporat id-disinn b'mod konformi mal-għan li għaliex huwa intiż dan l-istess prodott u li d-deskrizzjoni "avżat" tissuġġerixxi li l-utent, mingħajr

<sup>16</sup> Ara wkoll is-sentenza tat-18 ta' Marzu 2010, [Grupo Promer Mon Graphic vs UASI – PepsiCo \(Rappreżtazzjoni ta' oġġett promozzjoni cirkułari\) \(T-9/07, EU:T:2010:96\)](#), ippreżentata fit-Taqsima "I. 7. Kunflitt ma' disinn preċedenti".

<sup>17</sup> Ara wkoll it-Taqsima "I. 3. b. Karattru individwali – Settur industrijali tal-prodott ikkonċernat".

<sup>18</sup> Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima "I. 3. b. Karattru individwali – Settur industrijali tal-prodott ikkonċernat", p. 13.

ma jkun disinjatur jew espert tekniku, jaf id-diversi disinni li jeżistu fis-settur ikkonċernat, igawdi minn ġertu livell ta' konoxxenzi fir-rigward tal-elementi li dawn id-disinni normalment ikun fihom u, minħabba l-interess tiegħu fil-prodotti kkonċernati, juża livell ta' attenzjoni relativament għoli meta jagħmel użu minnhom. Madankollu, din iċ-ċirkustanza ma timplikax li l-utent avżat ikun fpożizzjoni li jiddistingwi, lil hinn mill-esperjenza li jkun kiseb minħabba l-użu tal-prodott ikkonċernat, bejn l-aspetti tad-dehra tal-prodott li jkunu meħtieġa mill-funzjoni teknika ta' dan tal-aħħar, u dawk li jkunu arbitrarji.

- [Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2011, Sphere Time vs UASI – Punch \(Arloġġ imwaħħil ma' ċinga\) \(T-68/10, EU:T:2011:269\)](#)<sup>19</sup>

Sphere Time kienet il-proprietarja ta' disinn Komunitarju rreġistrat mal-UASI (li sar l-EUIPO), li jirrappreżenta arloġġi mwaħħlin ma' ċinga, skont ir-Regolament Nru 6/2002. Id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, filwaqt li laqgħet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa minn Punch SAS, kienet iddikjarat l-invalidità tad-disinn ikkontestat għar-raġuni li ma kellux karatru individwali minħabba li kien jiproduci l-istess impressjoni globali bħal disinni preċedenti.

Il-Qorti Ĝeneralis ċaħdet ir-rikors ippreżentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell li tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, filwaqt li enfasizzat li, fir-rigward ta' oġġetti promozzjoni, il-kunċett ta' utent avżat jinkludi, minn naħħa, il-professjonist li jakkwistahom sabiex jiddistribiwx ħom lill-utenti finali u, min-naħħa l-oħra, dawn l-utenti finali stess. Minn dan hija kkonkludiet li l-fatt li wieħed minn dawn il-gruppi ta' utenti avżati jipperċepixxi d-disinni kkonċernati bħala li jiproduci l-istess impressjoni globali huwa suffiċjenti sabiex jiġi kkonstatat li d-disinn ikkontestat ma għandux karatru individwali.

- [Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2019, Visi/one vs EUIPO – EasyFix \(Tabelli li jiddendlu għall-karozzi\) \(T-74/18, EU:T:2019:417\)](#)<sup>20</sup>

Visi/one GmbH kienet il-proprietarja ta' disinni Komunitarji rreġistrati mal-EUIPO, li jirrappreżentaw tabelli li jiddendlu għall-karozzi, skont ir-Regolament Nru 6/2002. Id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO, filwaqt li laqgħet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa minn EasyFix GmbH, kienet iddikjarat l-invalidità tad-disinn ikkontestat minħabba nuqqas ta' karatru individwali.

Il-Qorti Ĝeneralis ċaħdet ir-rikors ippreżentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell li kkonfermat id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, filwaqt li qieset li d-differenzi bejn id-disinn ikkontestat u d-disinn preċedenti ma kinux ikkaratterizzati suffiċjentement sabiex jiproduċu, waħedhom, għall-utent avżat, impressjoni globali differenti.

Fir-rigward tal-grad ta' għarfien u tal-livell ta' attenzjoni tal-utent avżat, il-Qorti Ĝeneralis qieset li mill-ġurisprudenza jirriżulta b'mod partikolari li, anki jekk dan il-persuna għejja ta' riferiment ikollu ġertu grad ta' għarfien dwar id-diversi disinni li jeżistu fis-settur ikkonċernat u juri livell relativament għoli ta' attenzjoni u viġilanza partikolari meta jużahom, l-utent avżat xorta waħda

<sup>19</sup> Ara wkoll it-Taqsimiet "I. 3. e. Karatru individwali – Impressjoni globali" u "1. 4. d. Żvelar – Terminu ta' grazza".

<sup>20</sup> Ara wkoll it-Taqsima "I. 4. a. Żvelar – Kriterji ta' evalwazzjoni".

ma huwiex espert jew speċjalista, bħalma huwa l-bniedem tas-sengħa [fid-dritt tal-privattivi], li kapaċi josserva fid-dettall id-differenzi minimi li jistgħu jeżistu bejn id-disinni kunfliġġenti.

#### d) Grad ta' libertà tad-disinjatur

- [Sentenza tat-13 ta' Novembru 2012, Antrax It vs UASI – THC \(Radjaturi tat-tišin\) \(T-83/11 u T-84/11, EU:T:2012:592\)](#)

Antrax It Srl kienet il-proprietarja ta' tmien disinni Komunitarji rreġistrati mal-UASI (li sar l-EUIPO), li tnejn minnhom kienu kkontestati f'dan il-każ, li jirrappreżentaw radjaturi tat-tišin, skont ir-Regolament Nru 6/2002. Id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, filwaqt li laqgħet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa minn The Heating Company, kienet iddikjarat l-invalidità tad-disinni kkontestati minħabba assenza ta' novitā. Min-naħħa tiegħu, il-Bord tal-Appell, li annulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni minħabba nuqqas ta' motivazzjoni adegwata, iddikjara invalidi d-disinni kkontestati minħabba l-assenza ta' karattru individwali.

Il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikorsi ppreżentati quddiemha kontra d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell sa fejn iddikjaraw invalidi d-disinni kkontestati, filwaqt li ċaħdet dawn ir-rikorsi fir-rigward tal-bqija tagħhom.

Din il-kawża tat-l-opportunità lill-Qorti Ġenerali tikkjarifika l-kriterji ta' determinazzjoni tal-grad ta' libertà tad-disinjatur ta' disinn fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-karatru individwali tad-disinn. Il-Qorti Ġenerali rrilevat li tali grad ta' libertà huwa ddefinit, b'mod partikolari, mir-restrizzjonijiet marbuta mal-karatteristiċi imposti mill-funzjoni teknika tal-prodott jew ta' element tal-prodott, kif ukoll mir-rekwiżiti legali applikabbli għall-prodott li għalihi jiġi applikat id-disinn. Dawn ir-restrizzjonijiet iwasslu għal standardizzazzjoni ta' ċerti karatteristiċi, li b'hekk isiru komuni għad-disinni applikati għall-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant, iktar ma tkun kbira l-libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp ta' disinn, inqas ikunu suffiċjenti d-differenzi minuri bejn id-disinni pparagunati sabiex jipprodu impressjoni globali differenti għall-utent avżat. A contrario sensu, iktar ma l-libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp ta' disinn tkun ristretta, iktar ikunu suffiċjenti d-differenzi minuri bejn id-disinni pparagunati sabiex jipprodu impressjoni globali differenti għall-utent avżat. Għalhekk, grad għoli ta' libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp ta' disinn isaħħa il-konklużjoni li d-disinni pparagunati li ma jkollhomx differenzi sinjifikattivi jipprodu l-istess impressjoni globali għall-utent avżat. F'dan il-kuntest, tkun rilevanti eventwali saturazzjoni tall-livell ta' żvilupp, li tirriżulta mill-eżistenza ta' disinni oħra bl-istess karatteristiċi ġenerali bħad-disinni kkonċernati, sa fejn tista' tkun ta' natura li tirrendi l-utent avżat iktar sensittiv għad-differenzi fil-proporzjonijiet interni bejn id-diversi disinni.

- [Sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, H&M Hennes & Mauritz vs UASI – Yves Saint Laurent \(Basktijiet tal-idejn\) \(T-525/13, EU:T:2015:617\)](#)

Yves Saint Laurent SAS kienet il-proprietarja ta' disinn Komunitarju rreġistrat mal-UASI (li sar l-EUIPO), li jirrappreżenta basktijiet tal-idejn, skont ir-Regolament Nru 6/2002. Il-Bord tal-Appell, filwaqt li kkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, ċaħad it-talba għal dikjarazzjoni

## DISINNI KOMUNITARJI

ta' invalidità mressqa minn H&M Hennes & Mauritz BV & Co. KG, ibbażata fuq disinn preċedenti, għar-raġuni li l-grad ta' libertà tad-disinjatur kien wiesa' iżda ma kienx iħassar, mill-perspettiva tal-utent avżat, id-differenzi importanti bejn id-disinni kunfliġġenti.

Il-Qorti Ĝeneralis ċaħdet ir-rikors ippreżentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, filwaqt li ppreċiżat il-kunċett ta' grad ta' libertà tad-disinjatur.

F'din is-sentenza, il-Qorti Ĝeneralis fakkret li l-grad ta' libertà tad-disinjatur ta' disinn huwa ddefinit, b'mod partikolari, mir-restrizzjonijiet marbuta mal-karatteristiċi imposti mill-funzjoni teknika tal-prodott jew ta' element tal-prodott, kif ukoll mir-rekwiżiċi legali applikabbi għall-prodott. Dawn ir-restrizzjonijiet iwasslu għal standardizzazzjoni ta' ċerti karatteristiċi, li b'hekk isiru komuni għal diversi disinni applikati għall-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant, iktar ma tkun kbira l-libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp ta' disinn, inqas ikunu suffiċjenti d-differenzi minuri bejn id-disinni kunfliġġenti sabiex jiproduċu impressjonijiet globali differenti għall-utent avżat. A contrario sensu, iktar ma l-libertà tal-imsemmi disinjatur tkun ristretta, iktar ikunu suffiċjenti l-imsemmija differenzi sabiex jiproduċu impressjonijiet globali differenti għall-utent avżat. Il-Qorti Ĝeneralis għalhekk qieset li grad għoli ta' libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp ta' disinn isaħħaħ il-konklużjoni li d-disinni li ma jkollhomx differenzi sinjifikattivi jiproduċu l-istess impressjoni globali għall-utent avżat.

Barra minn hekk, il-Qorti Ĝeneralis speċifikat li l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 6/2002, li jikkonċerna l-evalwazzjoni tal-karatru individwali, jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħi, il-kriterju tal-impressjoni globali prodotta mid-disinni kunfliġġenti u jiddikjara, fil-paragrafu 2, li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-grad ta' libertà tad-disinjatur għal dawn il-finijiet. Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-evalwazzjoni tal-karatru individwali ta' disinn Komunitarju għandha tirriżulta, eszenzjalment, minn eżami f'erba' stadji. Dan l-eżami jikkonsisti fid-determinazzjoni, fl-ewwel lok, tas-settur tal-prodotti li fihom id-disinn ikun intiż li jiġi inkorporat jew li għalihom ikun intiż li jiġi applikat, fit-tieni lok, tal-utent avżat tal-imsemmija prodotti skont l-iskop tagħihom u, b'riferiment għal dan l-utent avżat, tal-grad ta' għarfien tal-arti preċedenti kif ukoll il-livell ta' attenzjoni fit-tqabbil, dirett jekk possibbli, tad-disinni, fit-tielet lok, tal-grad ta' libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn u, fir-raba' lok, tar-riżultat tat-tqabbil tad-disinni inkwistjoni, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni s-settur ikkonċernat, il-grad ta' libertà tad-disinjatur u l-impressjoni globali prodotti għall-utent avżat mid-disinn ikkōntestat u minn kull disinn preċedenti żvelat lill-pubbliku. B'hekk, għalkemm il-fattur relatati mal-grad ta' libertà tad-disinjatur jista' "jsaħħaħ" (jew, għall-kuntrarju, jimmodera), il-konklużjoni dwar l-impressjoni globali prodotta minn kull disinn inkwistjoni, l-evalwazzjoni tal-imsemmi grad ta' libertà, għall-kuntrarju, ma tikkostitwixx stadju astratt u preliminari għat-tqabbil tal-impressjoni globali prodotti mid-disinn inkwistjoni.

F'dan il-każ, il-Qorti Ĝeneralis kkonkludiet li għalhekk il-Bord tal-Appell ma wettaqx żball meta indika li l-fattur marbut mal-libertà tad-disinjatur ma setax, fih innifsu, jikkundizzjona l-evalwazzjoni tal-karatru individwali ta' disinn, iżda li, għall-kuntrarju, kien element li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni f'din l-evalwazzjoni. Skont il-Qorti Ĝeneralis, il-Bord tal-Appell kellu raġun meta qies li l-imsemmi fattur kien fattur li jippermetti moderazzjoni tal-evalwazzjoni tal-karatru individwali tad-disinn ikkōntestat, iktar milli fattur awtonomu.

- Sentenza tas-6 ta' Ġunju 2019, Porsche vs EUIPO - Autec (Vetturi bil-mutur) (T-209/18, EU:T:2019:377)<sup>21</sup>

Permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti Ĝeneralni ċaħdet ir-rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-EUIPO li permezz tagħha dan il-bord tal-appell iddikjara invalidu d-disinn Komunitarju rregistral li jirrapreżenta d-disinn tas-serje 991 tal-vettura Porsche 911, minħabba l-assenza ta' karattru individwali tiegħu fis-sens tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 6/2002.

Din il-kawża kienet tirrigwarda b'mod partikolari l-kwistjoni legali tal-eżistenza ta' karattru individwali li jista' jiġiustifika l-protezzjoni meta d-disinn ikkonċernat jikkonsisti sempliċement fil-“modernizzazzjoni” ta' forma digħi eżistenti u digħi protetta. F'dan il-każ, il-kwistjoni kienet dwar jekk id-disinn tas-serje 991 tal-Porsche 911 kienx suffiċjentement differenti mid-disinn preċedenti tas-serje 997 sabiex ikun protett bħala tali. Sa fejn ir-Regolament Nru 6/2002 jiffissa għal 25 sena l-perijodu massimu ta' protezzjoni, l-għotxi tal-protezzjoni lil disinn “immodernizzat” ta' disinn preċedenti jista' jtawwal b'dan il-perijodu l-protezzjoni tad-disinn oriġinali. Din kienet il-kwistjoni fit-tilwima bejn, minn naħħa, il-kumpannija Porsche u, min-naħħa l-oħra, produttur ta' ġugarelli li uża d-disinn tal-Porsche 911 għall-manifattura u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' mudelli mċekkna.

Il-Qorti Ĝeneralni qieset li d-differenzi bejn iż-żewġ serje tal-Porsche 911 ma kinux suffiċjentement ikkaratterizzati sabiex jipproduċu impressjoni globali differenti bejn iż-żewġ disinni, f'moħħi l-utent avżat, jiġifieri l-utent ta' karozzi b'mod ġenerali u mhux biss l-utent ta' karozzi sportivi. Id-dehriet kollha tad-disinni inkwistjoni b'hekk kienu juru li, permezz tal-karatteristiċi essenzjali tagħhom, dawn id-disinni kienu jikkoinċidu effettivament fil-forma tagħhom u fis-siluwett tal-karrozerija tagħhom, kemm fil-livell ta' dimensjonijiet u ta' proporzjonijiet kif ukoll tal-forma u tal-arranġament tat-twiegħi u tal-bibien.

Il-Qorti Ĝeneralni qieset f'dan ir-rigward li, kuntrajament għal dak li sostniet il-kumpannija Porsche, il-libertà tad-disinjatur, fis-sens tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 6/2002, ma setgħetx tkun limitata mill-aspettattivi tal-konsumaturi, li f'dan il-każ kienu jistennew li jsibu f'kull serje sussegwenti l-idea kreattiva tal-forma oriġinali, peress li tali aspettattivi ma jikkostitwixx restrizzjoni regolatorja. Fil-fatt, dawn l-aspettattivi la huma marbuta man-natura u lanqas mal-użu intenzjonat tal-prodott, li fiha id-disinn jiġi inkorporat, jiġifieri vettura bil-mutur, u disinjatur ta' karozzi, indipendentement minn kunsiderazzjonijiet estetiċi jew kummerċjali, ma jistax ikun obbligat li josservahom sabiex jiġi l-funzjonament tal-prodott li għalihi huwa intiż li japplika d-disinn inkwistjoni.

<sup>21</sup> L-appell ippreżentat minn din is-sentenza ma ġiex ammess (digriet tal-24 ta' Ottubru 2019, [Porsche vs EUIPO](#), C-613/19 P, EU:C:2019:9050).

### e) Impressjoni globali

- [Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2011, Sphere Time vs UASI – Punch \(Arloġġ imwaħħal ma' ċinga\) \(T-68/10, EU:T:2011:269\)](#)<sup>22</sup>

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement<sup>23</sup>, il-Qorti Ġeneral speċifikat li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni konkreta tal-impressjoni globali, ma kienx hemm lok li r-rappreżentazzjoni grafika tal-mudelli tiġi eżaminata separatament u esklużivament, iżda kellha titwettaq evalwazzjoni globali tal-elementi kollha ppreżentati li jippermettu li tiġi ddeterminata, b'mod suffiċjentement preċiż u ċert, l-impressjoni globali prodotta mid-disinn ikkonċernat.

Fir-rigward, b'mod partikolari, tad-disinni li jkunu ntużaw mingħajr ma kienu rreġistrati, ma jistax jiġi eskluż li ma jkunx hemm rappreżentazzjoni grafika li turi d-dettalji rilevanti kollha tagħhom, komparabbi għall-applikazzjoni għal reġistrazzjoni. Skont il-Qorti Ġenerali, ikun għalhekk eċċessiv li l-parti li tressaq talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tkun meħtieġa tippreżenta tali rappreżentazzjonijiet fil-każijiet kollha.

- [Sentenza tal-10 ta' Novembru 2021, Sanford vs EUIPO – Avery Zweckform \(Tikketti\) \(T-443/20, EU:T:2021:767\)](#)<sup>24</sup>

Sanford LP kienet il-proprietarja ta' disinn Komunitarju rreġistrat mal-EUIPO, li jirrappreżenta tikketti, skont ir-Regolament Nru 6/2002. Id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni kienet ċaħdet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa minn Avery Zweckform GmbH. Madankollu, il-Bord tal-Appell, filwaqt li annulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, iddikjara l-invalidità tad-disinn ikkontestat għar-raġuni li ma kellux karattru individwali, minħabba li kien jiprodu ħi-istess impressjoni globali għall-utent avżat bħad-disinn preċedenti li fuqu kienet ibbażat ruħha l-parti li ressjet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, filwaqt li enfasizzat, fil-kuntest tal-paragun tal-impressjoni globali waqt l-evalwazzjoni tal-karattru individwali, li t-trade marks u s-sinjalji distintivi li kienu jidhru fuq id-disinni kienu irrilevanti.

Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li d-differenzi bejn id-disinni kunfliġġenti, li kienu limitati għad-daqs tat-tikketta, għall-għoli tar-romblu u għan-numru, għall-pożizzjoni u għad-daqs tal-marki tal-istampar suwed, ma kinux biżżejjed sabiex jiprodu ħi-istess impressjoni globali differenti f'moħħi l-utent avżat.

Barra minn hekk, hija rrilevat li l-elementi verbali u figurattivi li kienu jinsabu fuq id-disinni kunfliġġenti kienu trade marks jew sinjalji distintivi mwaħħla fuq il-prodott sabiex jindikaw l-oriġini tiegħi.

<sup>22</sup> Ara wkoll it-Taqsimiet "I. 3. c. Karattru individwali – Utent avżat" u "I. 4. d. Żvelar – Terminu ta' grazza".

<sup>23</sup> Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima "I. 3. c. Karattru individwali – Utent avżat", p. 15.

<sup>24</sup> Ara wkoll it-Taqsima "III. 2. d. Talba u proċedura għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Provi mhux prodotti fil-ħin".

Dawn l-elementi ma kinux jikkostitwixxux karakteristiċi tal-prodott li jagħtu d-dehra tagħhom lill-prodotti kkonċernati u għalhekk ma kinux rilevanti fil-kuntest tal-paragun tal-impressjonijiet globali. Il-Qorti Ġenerali żiedet tgħid li, anki li kieku dawn l-elementi setgħu jitqiesu li kienu rilevanti, kien ikun ċar għall-utent avżat li dawn kienu jservu sabiex jindikaw l-oriġini tal-prodotti, b'tali mod li, fl-impressjoni globali, dan l-utent avżat ma kienx ser jagħtihom importanza.

- [Sentenza tas-27 ta' April 2022, Group Nivelles vs EUIPO – Easy Sanitary Solutions \(Drejn għall-evakwazzjoni tal-ilma tad-doċċa\) \(T-327/20, EU:T:2022:263\)](#)

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha jikkoinċidi ma' dak tal-Kawża C-361/15, kif espost preċedentement<sup>25</sup>, il-Qorti Ġenerali kellha quddiemha rikors għall-annullament ta' deċiżjoni ġidha adottata mill-EUIPO wara l-annullament, li kien sar res judicata, tad-deċiżjoni inizjali<sup>26</sup>. F-deċiżjoni ġidha, il-Bord tal-Appell tal-EUIPO ċaħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità għar-raġuni li d-disinn ikkostestat kello karattru individwali u kien għalhekk, a fortiori, disinn ġdid. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżzentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-imsemmi bord tal-appell, filwaqt li ppreċiżat l-elementi rilevanti li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-karattru individwali tad-disinn ikkostestat.

Il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-eżistenza tal-karattru individwali tad-disinn ikkostestat. L-ewwel nett, hija enfasizzat li disinn preċedenti inkorporat fi prodott differenti minn dak ikkonċernat mid-disinn ikkostestat jikkostitwixxi, bħala prinċipju, disinn preċedenti rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-karattru individwali. Sussegwentement, hija ppreċiżat li l-eventwali żbalji mwettqa mill-Bord tal-Appell fir-rigward tal-karatteristiċi tad-disinni preċedenti li jirrappreżentaw biss element ta' drejn ta' doċċa ma kellhomx effett fuq il-legalità tad-deċiżjoni, peress li l-paragun mad-disinni kompleti ma kienx fih żbalji. Fil-fatt, peress li disinn preċedenti għandu jikkostitwixxi preċedenza kompatta, kienu biss id-disinni li jirrappreżentaw drejn tad-doċċa sħaħ li kienu rilevanti. Fl-aħħar nett, fid-dawl tad-dehra eleganti u minimalista tad-disinn ikkostestat, huwa jiproduċi impressjoni globali differenti minn dik tad-disinn preċedenti, iddeterminata minn karatteristiċi iktar funzjoni u mhux dekorattivi.

## 4. Żvelar

### a) Kriterji ta' evalwazzjoni

- [Sentenza tat-13 ta' Frar 2014, H. Gautzsch Großhandel \(C-479/12, EU:C:2014:75\)](#)

Münchener Boulevard Möbel Joseph Duna GmbH kienet ikkummerċjalizzat fil-Ġermanja mudell ta' gazebo għall-ġnien b'tinda, maħluq fl-2004. Filwaqt li invokat għall-mudell tagħha l-protezzjoni mogħtija lid-disinni Komunitarji mhux irregiistrati, din il-kumpannija kienet bdiet azzjoni għal kontrafazzjoni kontra H. Gautzsch Großhandel GmbH oCo. KG, li fl-2006 bdiet tikkummerċjalizza gazebo għall-ġnien immanifatturat minn impriżza stabbilita fiċ-Ċina. Münchener Boulevard Möbel

<sup>25</sup> Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima "I. 1. b. Definizzjoni tad-disinn – Kundizzjoni ta' viżibbiltà", p. 6.

<sup>26</sup> Ara s-sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, [Group Nivelles vs EUIPO – Easy Sanitary Solutions \(Drejn għall-evakwazzjoni tal-ilma tad-doċċa\) \(T-15/13, EU:T:2015:281\)](#).

## DISINNI KOMUNITARJI

Joseph Duna sostniet li dan il-gazebo kien kopja tal-mudell li hija kienet il-proprietarja tiegħu, li kien jinsab fid-dokumentazzjoni li kienet qassmet lin-negozjanti prinċipali tas-settur.

Adita b'domanda preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja tat-deċiżjoni dwar il-portata tal-kunċett ta' "żvelar" u, f'dan ir-rigward, iddeċidiet li l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 6/2002 għandu jiġi interpretat fis-sens li jista' jitqies li disinn mhux irregiistrat jista', fil-kors normali tan-negozju, ikun raġonevolment magħruf fl-ambjenti speċjalizzati tas-settur ikkonċernat li joperaw fl-Unjoni f'sitwazzjoni fejn rappreżentazzjonijiet tal-imsemmi disinn jkunu tqassmu lill-kummerċjanti li joperaw f'dan is-settur, punt dan li kella jiġi evalwat mill-qorti li tiddeċiedi dwar id-disinni Komunitarji fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża li jkollha quddiemha.

Fir-rigward tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 6/2002, din għandha tiġi interpretata fis-sens li jista' jitqies li disinn mhux irregiistrat, għalkemm ikun ġie żvelat lil terzi mingħajr kundizzjoni espliċita jew impliċita ta' sigriet, ma jistax, fil-kors normali tan-negozju, ikun raġonevolment magħruf fl-ambjenti speċjalizzati tas-settur ikkonċernat li joperaw fi ħdan l-Unjoni f'sitwazzjoni fejn ikun ġie żvelat biss lil impriżza waħda tal-imsemmi settur jew ikun ġie ppreżentat biss fil-postijiet ta' espożizzjoni ta' impriżza li tinstab barra mit-territorju tal-Unjoni, punt dan li jkollu jiġi evalwat mill-qorti li tiddeċiedi dwar id-disinni Komunitarji fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża li jkollha quddiemha.

- [Sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Easy Sanitary Solutions u EUIPO vs Group Nivelles \(C-361/15 P u C-405/15 P, EU:C:2017:720\)](#)<sup>27</sup>

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħħha ġie espost preċedentement<sup>28</sup>, il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'appell, iddeċidiet li jkun hemm lok li disinn jiġi pparagunat ma' disinn ieħor sabiex jiġi kkonstatati l-karatru ġdid kif ukoll il-karatru individwali tal-ewwel disinn fil-każ biss li t-tieni disinn ikun ġie żvelat lill-pubbliku. Meta disinn jitqies li jkun ġie żvelat lill-pubbliku, dan l-iżvelar japplika kemm għall-eżami tal-karatru ġdid kif ukoll għall-eżami tal-karatru individwali.

Barra minn hekk, is-“settur ikkonċernat”, fis-sens tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 6/2002, ma huwiex limitat għal dak tal-prodott li fih id-disinn ikkontestat huwa intiż li jiġi inkorporat jew li għalihi huwa intiż li jiġi applikat.

Madankollu, ma hemm xejn li jippermetti li jitqies li jkun neċċesarju li l-utent avżat tal-prodott li fih id-disinn ikkontestat jiġi inkorporat jew li għalihi jiġi applikat ikun jaf id-disinn preċedenti f'sitwazzjoni fejn dan tal-aħħar ikun inkorporat fi prodott ta' settur industrijali differenti minn dak ikkonċernat mid-disinn ikkontestat jew ikun applikat għal tali prodott.

<sup>27</sup> Ara wkoll it-Taqsimiet “I. 1. b. Definizzjoni tad-disinn – Kundizzjoni ta’ viżibbiltà”, u “I. 2. Novità”, kif ukoll is-sentenza tat-13 ta’ Mejju 2015, [Group Nivelles vs UASI – Easy Sanitary Solutions \(Drejñ għall-evakwazzjoni tal-ilma tad-doċċa\)](#) (T-15/13, EU:T:2015:281).

<sup>28</sup> Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima “I. 1. b. Definizzjoni tad-disinn – Kundizzjoni ta’ viżibbiltà”, p. 6.

- [Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2019, Visi/one vs EUipo – EasyFix \(Tabelli li jiddendlu għall-karozzi\) \(T-74/18, EU:T:2019:417\)](#)<sup>29</sup>

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement<sup>30</sup>, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, sabiex jiġi stabbilit l-iżvelar ta' disinn preċedenti, għandha ssir analiżi f'żewġ stadji. Fl-ewwel lok, għandu jiġi eżaminat jekk l-elementi ppreżentati fit-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità jurux, minn naħħa, fatti li jikkostitwixxu żvelar ta' disinn u, min-naħħa l-oħra, in-natura preċedenti ta' dan l-iżvelar meta mqabbel mad-data tal-preżentata jew tal-priorità tad-disinn ikkontestat. Fit-tieni lok, għandu jiġi eżaminat, fl-ipoteżi fejn il-proprietarju tad-disinn ikkontestat ikun allega l-kuntrarju, jekk l-imsemmija fatti setgħux, fil-kors normali tan-negozju, ikunu raġonevolment magħrufa fl-ambjenti speċjalizzati tas-settur ikkonċernat li joperaw fl-Unjoni, u fin-nuqqas ta' dan żvelar jitqies bħala mingħajr effetti u ma jitteħid inkunsiderazzjoni.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, għalkemm kienet ħasra li d-dipartimenti amministrattivi tal-EUIPO kkomunikaw lir-rikorrenti ż-żewġ katalogi prodotti fl-Anness B tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità b'numerazzjoni mhux konsekuttiva li ma kinitx tikkorrispondi mal-ordni tal-paġni tal-katalogi oriġinali, ċirkustanza bħal din bl-ebda mod ma setgħet iddaħħal inkwistjoni l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda l-prova tal-fatti kostitutivi u tal-anterjorità tal-iżvelar tat-tabelli li jiddendlu għall-karozzi rriprodotti fil-punt 4 tad-deċiżjoni kkontestata fir-riġward tal-Anness B u, b'mod partikolari, il-valur probatorju ta' dawn id-dokumenti għall-finijiet li jiġi stabbilit l-iżvelar tad-disinn preċedenti. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma wrietz, u lanqas ma allegat, li c-ċirkustanzi tal-każ setgħu raġonevolment ikunu tali li jostakolaw, fil-kors normali tan-negozju, li dawn il-fatti jkunu magħrufa fl-ambjenti speċjalizzati li joperaw fis-settur ikkonċernat fl-Unjoni. Minħabba l-assenza ta' indizzi kuntrarji li jippermettu li jitqies li l-imsemmija katalogi ma kinux ġew żvelati f'dawn l-ambjenti speċjalizzati, il-Bord tal-Appell seta' jikkonkludi, mingħajr ma jwettaq żball, li d-disinn preċedenti kien ġie żvelat.

### b) Preżunzjoni ta' żvelar

- [Sentenza tal-21 ta' Mejju 2015, Senz Technologies vs UASI – Impliva \(Umbrelel għax-xita\) \(T-22/13 u T-23/13, EU:T:2015:310\)](#)

Senz Technologies BV kienet il-proprietarja ta' żewġ disinni Komunitarji rreġistrati mal-UASI (li sar l-EUIPO), li jirrappreżentaw umbrelel għax-xita, skont ir-Regolament Nru 6/2002. Id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, filwaqt li laqgħet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa minn Impliva BV, kienet iddikjarat l-invalidezza tad-disinni kkontestati għar-raġuni li dawn, minkejja l-karatru ġdid tagħhom, ma kellhomx karatru individwali fir-riġward ta' privattiva preċedenti li kienet qjet żvelata.

Il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors ippreżentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell li kkonfermat id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, filwaqt li fakkret li disinn għandu jitqies li jkun ġie żvelat ladarba l-parti li tinvoka dan l-iżvelar tipprova l-fatti li jikkostitwixxu dan l-iżvelar u li

<sup>29</sup> Ara wkoll it-Taqsima "I. 3.c. Karatru individwali – Utent avżat".

<sup>30</sup> Fir-riġward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima "I. 3. c. Karatru individwali – Utent avżat", p. 15.

din il-preżunzjoni tapplika irrispettivamente minn fejn ikunu seħħew il-fatti li jikkostitwixxu l-iżvelar.

Skont il-Qorti Ġenerali, il-kwistjoni ta' jekk il-persuni li jifformaw parti mill-ambjenti speċjalizzati tas-settur ikkonċernat setgħux raġonevolment ikunu jafu b'avvenimenti li jkunu seħħew barra mit-territorju tal-Unjoni hija kwistjoni ta' fatt li t-tweġiba għaliha tiddependi mill-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi speċifiċi għal kull kawża. Sabiex titwettaq l-imsemmija evalwazzjoni, għandha tīgħi eżaminata l-kwistjoni ta' jekk, abbażi tal-provi fattwali, li għandhom jiġu prodotti mill-parti li tikkontesta l-iżvelar, ikunx hemm lok li jitqies li dawn l-ambjenti ma kellhomx realment il-possibbiltà li jsiru jafu bil-fatti li jikkostitwixxu l-iżvelar, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni dak li jista' raġonevolment ikun mistenni min-naħħa ta' dawn l-ambjenti sabiex ikunu jafu l-livell ta' żvilupp preċedenti. Dawn il-provi fattwali jistgħu jirrigwardaw il-kompożizzjoni tal-ambjenti speċjalizzati, il-kwalifikasi, l-użanzi u l-agħir tagħhom, il-firxa tal-attivitajiet tagħhom, il-preżenza tagħhom waqt l-avvenimenti li matulhom jiġu ppreżentati disinni, il-karatteristiċi tad-disinn inkwistjoni, bħalma hija l-interdipendenza tagħhom ma' prodotti jew setturi oħra, u l-karatteristiċi tal-prodotti li fihom ikun ġie inkorporat id-disinn inkwistjoni, b'mod partikolari l-livell tekniku tal-prodott ikkonċernat. Fi kwalunkwe każ, disinn ma jistax jitqies li jkun magħruf fil-kors normali tal-kummerċ jekk l-ambjenti speċjalizzati tas-settur ikkonċernat ikunu jistgħu jiskopru biss b'kumbinazzjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 6/2002 bl-ebda mod ma jeħtieġ li d-disinn preċedenti jkun intuża għall-finijiet tal-produzzjoni jew tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott. Madankollu, il-fatt li disinn qatt ma jkun ġie inkorporat fi prodott ikun rilevanti biss fil-każ li jiġi pprovat li l-ambjenti speċjalizzati tas-settur ikkonċernat ġeneralment ma jikkonsultawx ir-reġistri tal-privattivi jew li l-ambjenti speċjalizzati tas-settur ikkonċernat ġeneralment ma jagħtu ebda importanza lill-privattivi.

### c) Prova tal-iżvelar

- [Sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Gramberg vs EUIPO – Mahdavi Sabet \(Għata għal telefon ċellulari\) \(T-166/15, EU:T:2018:100\)](#)

S. Mahdavi Sabet kiseb ir-reġistrazzjoni ta' disinn Komunitarju li jirrappreżenta għata għal telefon ċellulari. C. Gramberg ressaq, quddiem I-EUIPO, talba għad-dikjarazzjoni tal-invalidità ta' dan id-disinn minħabba l-assenza ta' novită. Sabiex jipprova l-iżvelar tal-imsemmi disinn, huwa pproduċa ritratti tal-iskrin tas-sit internet "amazon.de". Il-Bord tal-Appell tal-EUIPO ċaħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità minħabba li l-provi ma kinux suffiċjenti sabiex jiġi pprovat l-iżvelar.

Il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors ippreżentat quddiemha, filwaqt li tat-deċiżjoni dwar il-valur probatorju tal-provi misluta minn sit internet tal-bejgħ online, invokati sabiex jintwera l-iżvelar ta' disinn.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li disinn għandu jitqies li jkun ġie żvelat ladarba l-parti li tinvoka l-iżvelar tiegħu tkun ipprovat il-fatti li jikkostitwixxu dan l-iżvelar. Għall-kuntrarju, sabiex tikkonfuta din il-preżunzjoni, il-parti li tikkontesta l-iżvelar għandha tipprova suffiċjentement

## DISINNI KOMUNITARJI

skont il-liġi li ċ-ċirkustanzi tal-każ setgħu raġonevolment jimpedixxu li dawn il-fatti jsiru magħrufa fil-kors normali tal-kummerċ mill-ambjenti speċjalizzati tas-settur ikkonċernat. L-iżvelar ta' disinn preċedenti ma jistax jintwera permezz ta' probabbiltajiet jew ta' preżunzjonijiet, iżda għandu jkun ibbaż fuq provi konkreti u oġġettivi ta' żvelar effettiv tad-disinn preċedenti fis-suq.

Il-provi prodotti mill-parti li tressaq talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità għandhom jiġu evalwati fil-konfront ta' xulxin. Fil-fatt, għalkemm uħud minn dawn il-provi jistgħu jkunu insuffiċjenti waħedhom sabiex juru l-iżvelar ta' disinn preċedenti, xorta jibqa' l-fatt li, meta jiġu assoċjati jew jinqraw flimkien ma' dokumenti jew informazzjoni oħra, dawn jistgħu jikkontribwixxu sabiex tiġi stabbilita l-prova tal-iżvelar. Barra minn hekk, sabiex jiġi evalwat il-valur probatorju ta' dokument, għandha tiġi vverifikata l-probabbiltà u l-veraċċità tal-informazzjoni li tinsab fi. Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, fost l-oħrajn, l-oriġini tad-dokument, iċ-ċirkustanzi li fihom ikun tħejja u d-destinatarju tiegħu, u għandu jiġi evalwat jekk, abbażi tal-kontenut tiegħu, jidhix li jkun raġonevoli u affidabbli.

Skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fis-seħħi, applikabbli għad-disinni Komunitarji, minn naħħa, il-parti li tressaq talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità hija libera fl-għażla tal-prova li hija tqis utli li tipprodu quddiem l-EUIPO biex issostni t-talba tagħha għal dikjarazzjoni ta' invalidità u, min-naħħa l-oħra, l-Uffiċċju huwa obbligat janalizza l-provi prodotti kollha sabiex jikkonkludi jekk ikunux effettivament prova tal-iżvelar tad-disinn preċedenti.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-valur probatorju ta' ritratti tal-iskrin ta' sit internet, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, anki jekk jitqies li jista' jidher raġonevoli li jitqies li l-kontenut ta' website jista' jinbidel fi kwalunkwe mument u li huwa diffiċli li dan il-kontenut jiġi vverifikat a posteriori, tali kunsiderazzjonijiet ma jistgħux jaapplikaw għal ritratti tal-iskrin tas-sit ta' bejgħ online "amazon.de" li jinkludu, immedjatamente qabel ir-riferiment għad-data tad-disponibbiltà tal-offerta fuq dan is-sit, in-numru ASIN (Amazon Standard Identification Number), li huwa riferiment uniku għal kull oġġett li jidher fil-katalogu użat għall-identifikazzjoni ta' dan l-artikolu fuq il-pjattaforma ta' bejgħ online Amazon.

Barra minn hekk, l-applikazzjoni awtomatika tal-preżunzjoni li l-kontenut ta' website jew ta' kwalunkwe dokument elettroniku ieħor jista' jiġi emendat fi kwalunkwe mument, mingħajr ma jkun hemm dubji serji u vverifikati li, fil-każ in-eż-żammi, il-provi ġew emendati, tirrendi ineffettiv il-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Unjoni fis-sens li l-provi prodotti mill-parti li tressaq talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità għandhom jiġu evalwati fil-konfront ta' xulxin.

- [Sentenza tas-6 ta' Ġunju 2019, Rietze vs EUIPO – Vettura VW Caddy \(T-192/18, EU:T:2019:379\)](#)

Permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni tal-EUIPO li tgħid li d-disinn li jirrappreżenta l-vettura VW Caddy kien ġdid fis-sens tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 6/2002 u kellu karattru individwali fis-sens tal-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament. Din il-kawża tnisslet minn proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa mir-rikorrenti, Rietze, kumpannija Ġermaniża li kienet tikkummerċjalizza minjaturi ta' karozzi. Id-disinn ikkontestat kien disinn li jindika l-vettura VW Caddy, imqiegħda fis-suq minn Volkswagen fl-2011. Sabiex tiprova l-iżvelar

ta' disinn preċedenti, ir-rikorrenti għamlet riferiment għal mudell preċedenti ta' din il-vettura, jidifieri l-mudell VW Caddy (2K) Life, imqiegħed fis-suq fl-2004.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ĝeneralis ċaħdet l-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-EUIPO kelli, l-ewwel, iwieżen il-karatteristiċi tad-disinni kunfliġġenti, it-tieni, janalizza l-punti komuni bejniethom u, it-tielet, jagħmel distinzjoni bejn il-karatteristiċi estetiċi u tekniċi tagħhom.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ĝeneralis ċaħdet l-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-EUIPO kien naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni ċerti provi li fuqhom kienet tidher illustrazzjoni tad-disinn preċedenti. Il-Qorti Ĝeneralis fakkret li hija l-parti li ressinq it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità li għandha tipprovd riproduzzjonijiet preċiżi u sħaħi tħad-diskur preċedenti u li l-Bord tal-Appell ma jistax ikun mistenni li jgħaqqa diversi rappreżentazzjonijiet tal-prodott li fih ikun ġie inkorporat id-disinn preċedenti, jew saħansitra li jibdel element li jidher fil-parti l-kbira tar-rappreżentazzjonijiet b'element li jidher biss frappreżentazzjoni waħda.

- [Sentenza tal-20 ta' Ottubru 2021, JMS Sports vs EUIPO - Inter-Vion \(Lastiku tax-xagħar fforma spirali\) \(T-823/19, EU:T:2021:718\)](#)

JMS Sports sp. z.o.o. kienet il-proprietarja tad-disinn Komunitarju li jirrappreżenta lastiku tax-xagħar fforma spirali, ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2010 quddiem l-EUIPO. Inter-Vion S.A. ressinq talba għad-dikjarazzjoni tal-invalidità ta' dan id-disinn b'mod partikolari minħabba l-assenza ta' novitā. Sabiex tipprova l-iżvelar tad-disinni preċedenti, hija pproduċiet ritratti tal-iskrin ta' siti internet li kienu jmorru lura għall-2009.

Il-Bord tal-Appell tal-EUIPO qies li l-iżvelar tad-disinni preċedenti, identiċi għad-disinn ikkostestat, kien ġie pprovat. Għaldaqstant, huwa kkonkluda li d-disinn ikkostestat ma kellux novitā.

Il-Qorti Ĝeneralis ċaħdet ir-rikkors ippreżentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, filwaqt li speċifikat il-valur probatorju tal-provi misluta minn siti internet, invokati sabiex tiġi stabbilita d-data tal-iżvelar ta' disinn<sup>31</sup>.

L-ewwel nett, il-Qorti Ĝeneralis ddikjarat inammissibbli l-provi, prodotti għall-ewwel darba quddiemha, miksuba permezz tal-użu ta' għodod ta' aċċess liberu bħall-mutur ta' tfittxija Google u Wayback Machine. Fil-fatt, dawn ma kinu jaqgħu fil-kuntest fattwali tat-tilwima kif kienet teżisti quddiem il-Bord tal-Appell u għalhekk ma setgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni kkostestata.

Sussegwentement, wara li fakkret li l-parti li tressaq talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità hija libera fl-għażla tal-prova, il-Qorti Ĝeneralis rrilevat li d-dehra tal-immaġni ta' disinn fuq l-internet tikkostitwixxi avvenimenti li jista' jiġi kklassifikat bħala "pubblikazzjoni" u tikkostitwixxi, għaldaqstant, "żvelar lill-pubbliku". Hijha indikat li s-saħħha probatorja tar-ritratti tal-iskrin ma hijiex limitata.

Fil-każ ineżami, hija kkonstatat li r-ritratti tal-iskrin tas-siti internet kienu jippreżentaw b'mod ċar disinni identiċi għad-disinn ikkostestat, l-indirizzi URL<sup>32</sup> kompluti ta' dawn is-siti kif ukoll id-dati

<sup>31</sup> Fis-sens tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 6/2002.

<sup>32</sup> Uniform Resource Locator.

tal-iżvelar lill-pubbliku, preċedenti għad-data tal-preżentata tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tad-disinn ikkōntestat. Barra minn hekk, ritratt tal-iskrin kellu informazzjoni oħra bil-ħin u d-data, li kienet komposta minn kummenti tal-utenti tal-internet u li kienet turi żvelar lill-pubbliku fl-1 ta' Novembru 2009.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li s-sempliċi possibbiltà astratta li l-kontenut jew id-data ta' sit internet ikunu mmanipulati ma tikkostitwixx raġuni suffiċjenti sabiex tiddaħħal inkwistjoni l-kredibbiltà tal-prova kkostitwita mir-ritratt tal-iskrin ta' dan is-sit. Din il-kredibbiltà tista' tiddaħħal inkwistjoni biss billi jiġu invokati fatti li jissuġġerixxu manipulazzjoni b'mod konkret. Barra minn hekk, anki jekk ir-ritratt tal-iskrin misluti minn Wayback Machine ma fihx immaġni tal-prodott, dan ir-ritratt jikkostitwixxi sors ta' informazzjoni rilevanti li jikkorrobora l-affidabbiltà tar-ritratt tal-iskrin ta' wieħed mis-siti internet inkwistjoni. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali qieset li l-iżvelar kien ġie pprovat.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-tqassim tal-oneru tal-prova, il-Qorti Ġenerali indikat li, peress li l-parti li ressqt talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità kienet ippreżzentat provi misluta mill-internet li juru l-iżvelar tad-disinni preċedenti, kien il-proprietarju tad-disinn ikkōntestat li kellu juru li dawn il-provi ma kinux kredibbli. F'dan ir-rigward, dan il-proprietarju ma kienx meħtieġ juri l-manipulazzjoni ta' sit internet iżda li jindika ċirkustanzi konkreti li jkunu indikaturi ta' manipulazzjoni kredibbli, bħalma huma sinjalji evidenti ta' falsifikazzjoni, kontradizzjonijiet inkontestabbi fl-informazzjoni ppreżentata jew inkoerenzi evidenti li jiġiustifikaw l-eżistenza ta' dubji dwar in-natura awtentika tar-ritratti tal-iskrin.

#### d) Perijodu ta' grazza

- [Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2011, Sphere Time vs UASI – Punch \(Arloġġ imwaħħal ma' ċinga\) \(T-68/10, EU:T:2011:269\)](#)<sup>33</sup>

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement<sup>34</sup>, il-Qorti Ġenerali ssuġġettat, fil-kuntest ta' proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità, l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 6/2002 għall-kundizzjoni li l-proprietarju tad-disinn ikkonċernat mit-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità jistabbilixxi jew li kien ħoloq id-disinn invokat insostenn tal-imsemmija talba jew li kien is-suċċessur fit-titolu ta' dan id-disinjatur. Il-Qorti Ġenerali fakkret li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 6/2002 jippermetti li ma jittiħidx inkunsiderazzjoni l-iżvelar jekk disinn, li fir-rigward tiegħu tintalab il-protezzjoni, ikun ġie żvelat lill-pubbliku jew mid-disinjatur jew mis-suċċessur fit-titolu tiegħu, jew minn terz abbażi tal-informazzjoni pprovduta jew ta' atti mwettqa mid-disinjatur jew mis-suċċessur fit-titolu tiegħu, matul il-perijodu ta' tnax-il xahar qabel id-data tal-preżentata tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew tal-priorità.

<sup>33</sup> Ara wkoll it-Taqsimiet “1. 3. c. Karatru individwali – Utent avżat” u “l. 3. e. Karatru individwali – Impressjoni globali”.

<sup>34</sup> Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-TaqSIMA “l. 3. c. Karatru individwali – Utent avżat”, p. 15.

## 5. Disinn li jikkostitwixxi komponent ta' prodott kumpless

### a) Kundizzjonijiet għall-protezzjoni

- [Sentenza tad-9 ta' Settembru 2014, Biscuits Poult vs UASI – Banketbakkerij Merba \(Gallettina\) \(T-494/12, EU:T:2014:757\)](#)

Biscuits Poult SAS kienet il-proprietarja ta' disinn Komunitarju rregistrażat mal-UASI (li sar l-EUIPO), li jirrappreżenta gallettini, skont ir-Regolament Nru 6/2002. Il-Bord tal-Appell, filwaqt li annulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni li ċaħdet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa minn Banketbakkerij Merba BV, iddikjara l-invalidità tad-disinn ikkcontestat għar-raġuni li ma kellux karattru individwali.

Il-Qorti ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, filwaqt li qieset li l-karatteristiċi mhux viżibbli tal-prodott kontenzuż, li ma jirrigwardawx id-dehra tiegħi, ma setgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk id-disinn ikkcontestat setax ikun is-suġġett ta' protezzjoni.

F'din is-sentenza l-Qorti ġenerali speċifikat li l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 6/2002 jistabbilixxi regola speċjali li tirrigwarda speċifikament id-disinni li jiġu applikati għal prodott jew li jiġu inkorporati fi prodott li jikkostitwixxi komponent ta' prodott kumpless fis-sens tal-Artikolu 3(c) ta' dan ir-regolament. Skont din ir-regola, dawn id-disinni ikunu protetti biss jekk, l-ewwel, il-komponent, ladarba jkun ġie inkorporat fil-prodott kumpless, jibqa' viżibbli waqt l-użu normali ta' dan il-prodott u, it-tieni, il-karatteristiċi viżibbli tal-komponent jissodisfaw, bħala tali, il-kundizzjonijiet ta' novità u ta' karattru individwali. Fil-fatt, minħabba n-natura partikolari tal-komponenti ta' prodott kumpless fis-sens tal-Artikolu 3(c) tar-Regolament Nru 6/2002, li jistgħu jkunu s-suġġett ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni differenti mill-produzzjoni u mill-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott kumpless, huwa raġonevoli għal-leġiżlatur li jirriko noxxi fir-riġward tagħihhom il-possibbiltà li jiġu rreġistra bħala disinni, iżda bil-kundizzjoni li dawn ikunu viżibbli wara l-inkorporazzjoni fil-prodott kumpless u unikament għall-partijiet viżibbli tal-komponenti inkwistjoni waqt użu normali tal-prodott kumpless u sa fejn dawn il-komponenti ikunu ġodda u jippreżentaw karattru individwali. Minn dan il-Qorti ġenerali ddeduċiet li, meta prodott – f'dan il-każ gallettina – ma jkunx prodott kumpless, fis-sens tal-Artikolu 3(c) tar-Regolament Nru 6/2002, peress li ma jkunx kompost minn diversi komponenti li jistgħu jiġi ssostitwi b'mod li l-prodott jista' jiġi żarmat u armat mill-ġdid, il-Bord tal-Appell ma wettaqx żball meta qies li l-karatteristiċi mhux viżibbli tal-prodott, li ma kinux relatati mad-dehra tiegħi, ma setgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk id-disinn ikkcontestat setax ikun is-suġġett ta' protezzjoni.

- [Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2014, Cezar vs UASI – Poli-Eco \(Zokku\) \(T-39/13, EU:T:2014:852\)](#)

Cezar Przedsiębiorstwo Produkónica ne Dariusz Bogdan Niewiński kienet il-proprietarja ta' disinn Komunitarju rregistrażat mal-UASI (li sar l-EUIPO), li jirrappreżenta zokku, skont ir-Regolament Nru 6/2002. Id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, filwaqt li laqgħet it-talba għal dikjarazzjoni

## DISINNI KOMUNITARJI

ta' invalidità mressqa minn Poli-Eco Tworzywa Sztuczne sp. z o.o, iddikjarat l-invalidità tad-disinn għar-raġuni li ma kienx ġdid.

Il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors ippreżentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell li tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, filwaqt li qieset li n-novitā u l-karattru individwali ta' disinn Komunitarju ma setgħux jiġi evalwati billi dan tal-aħħar jiġi pparagunat ma' disinn preċedenti li, bħala komponent ta' prodott kumpless, ma kienx viżibbli waqt l-użu normali tiegħu.

Il-kriterju ta' viżibbiltà, kif imsemmi fil-premessa 12 tar-Regolament Nru 6/2002, li jgħid li l-protezzjoni mogħtija lid-disinni Komunitarji ma għandhiex tiġi estiża għall-komponenti li ma jkunux viżibbli matul użu normali ta' prodott, u lanqas għall-karatteristiċi ta' komponent li ma humiex viżibbli meta l-prodott jintrama, għaldaqstant japplika għad-disinn preċedenti.

- [Sentenza tat-28 ta' Ottubru 2021, Ferrari \(C-123/20, EU:C:2021:889\)](#)

Fit-2 ta' Diċembru 2014, Ferrari SpA ppreżentat għall-ewwel darba lill-pubbliku d-disinn ta' karozza tal-ogħla livell FXX K, fi stqarrija għall-istampa li kien fiha żewġ ritratti, li kienu juru rispettivament id-dehra mill-ġenb u minn quddiem ta' din il-vettura.

Sa mill-2016, Mansory Design Holding GmbH (iktar 'il quddiem "Mansory Design"), stabbilita fil-Ġermanja, tiproduċi u tikkummerċjalizza kits ta' aċċessorji għal personalizzazzjoni, imsejħa "kits ta' tuning", intiżi li jimmodifikaw id-dehra ta' mudell ieħor tat-triq ta' Ferrari, prodott f'serje, b'mod li jsir jixbah id-dehra tal-Ferrari FXX K.

Ferrari resqet azzjoni għal kontrafazzjoni u talbiet annessi kontra Mansory Design, minħabba allegat ksur tad-drittijiet mogħtija minn tliet disinni Komunitarji mhux irregistratori li jirrigwardaw partijiet mill-mudell FXX K, jiġifieri elementi tal-karrozzerija tagħha. Skont Ferrari, dawn id-disinni Komunitarji kienu nħolqu fil-mument tal-pubblikazzjoni tal-istqarrija għall-istampa tat-2 ta' Diċembru 2014.

Il-Landgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali ta' Düsseldorf, il-Ġermanja) ċaħdet dawn it-talbiet kollha. Wara appell ippreżentat quddiem l-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf, il-Ġermanja), din tal-aħħar ċaħdet it-talbiet ta' Ferrari, billi ddeċidiet li l-ewwel u t-tieni disinn invokati qatt ma kien eżistew, peress li Ferrari ma wrietz li r-rekwiżit minimu ta' ċerta awtonomija u ta' ċerta kompletezza fir-rigward tal-forma kien ġie ssodisfatt, filwaqt li t-tielet disinn invokat kien jeżisti, iżda ma kienx ġie kontrafatt minn Mansory Design.

Adita b'domanda preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja tat-deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk l-iżvelar lill-pubbliku ta' immaġni ta' prodott, bħalma hija l-pubblikazzjoni ta' ritratti ta' vettura, jistax iwassal għall-iżvelar lill-pubbliku ta' disinn ta' parti jew ta' komponent minn dan il-prodott u, fl-affermattiv, sa fejn id-dehra ta' din il-parti jew ta' dan il-komponent għandha tkun awtonoma fir-rigward tal-prodott fit-totalità tiegħu sabiex ikun jista' jiġi eżaminat jekk din id-dehra għandhiex karattru individwali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod partikolari li d-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li l-iżvelar lill-pubbliku ta' immaġni ta' prodott, bħalma hija l-pubblikazzjoni ta' ritratti ta'

karozza, iwassal għall-iżvelar lill-pubbliku ta' disinn ta' parti minn dan il-prodott jew ta' komponent minn dan il-prodott, inkwantu prodott kumpless, sakemm id-dehra ta' din il-parti jew ta' dan il-komponent tkun identifikabbli b'mod ċar fil-mument ta' dan l-iżvelar<sup>35</sup>.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-kundizzjonijiet materjali meħtieġa għall-ħolqien tal-protezzjoni ta' disinn Komunitarju, kemm jekk irregjistrat u kemm jekk mhux irregjistrat, jiġifieri n-novità u l-karatru individwali, huma l-istess kemm għall-prodotti kif ukoll għall-partijiet ta' prodott<sup>36</sup>. Sakemm dawn il-kundizzjonijiet materjali jkunu ssodisfatti, il-kundizzjoni formali sabiex jinħoloq disinn Komunitarju mhux irregjistrat hija żvelar lill-pubbliku fis-sens tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 6/2002<sup>37</sup>. Sabiex l-iżvelar lill-pubbliku tad-disinn ta' prodott meħud fl-intier tiegħu jwassal għall-iżvelar tad-disinn ta' parti minn dan il-prodott, huwa meħtieġ li d-dehra ta' din il-parti tkun identifikabbli b'mod ċar waqt dan l-iżvelar. Madankollu, dan ma jimplikax obbligu għad-disinjaturi li jiżvelaw separatament kull waħda mill-partijiet tal-prodotti tagħhom li fir-rigward tagħhom ikunu jixtiequ jibbenefikaw minn protezzjoni ta' disinn Komunitarju mhux irregjistrat.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-kunċett ta' "karatru individwali", fis-sens tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 6/2002<sup>38</sup>, ma jirregolax ir-relazzjoni bejn id-disinn ta' prodott u d-disinni tal-partijiet li jifformawh, iżda r-relazzjoni bejn dawn id-disinni u disinni preċedenti oħra. Sabiex ikun jista' jiġi eżaminat jekk id-dehra ta' parti ta' prodott jew ta' komponent ta' prodott kumpless tissodisfax il-kundizzjoni tal-karatru individwali, huwa neċċessarju li din il-parti jew dan il-komponent jikkostitwixxu sezzjoni viżibbli tal-prodott jew tal-prodott kumpless, iddefinita b'mod ċar minn linji, kontorni, kuluri, forom jew nisġa partikolari. Dan jippreżumi li d-dehra ta' din il-parti jew ta' dan il-komponent tkun tista', minnha nnifisha, tiproduċi impressjoni globali mingħajr ma tintilef kompletament fil-prodott globali.

### **b) Tiswija ta' prodott kumpless**

- [Sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Acacia u D'Amato \(C-397/16 u C-435/16, EU:C:2017:992\)](#)

Audi u Porsche kienu l-proprietarji ta' diversi mudelli Komunitarji ta' rimmijiet tal-liga oriġinali għal karozzi. Acacia kienet tiproduċi u tikkummerċjalizza replika ta' rimmijiet, ġafna drabi estetikament jew funzjonalment identiċi għar-rimmijiet oriġinali. Audi u Porsche ppreżentaw rikorsi, rispettivament quddiem it-Tribunale di Milano (il-Qorti ta' Milano, l-Italja) u l-Landgericht Stuttgart (il-Qorti Reġjonali ta' Stuttgart, il-Ġermanja), intiżi li jiġi kkonstatat li l-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni minn Acacia tar-remmijiet inkwistjoni kieno jikkostitwixxu kontrafazzjoni tad-disinni Komunitarji tagħhom. Aditi b'appelli minn dawn iż-żewġ deċiżjonijiet, il-qrat tar-rinvju, waħda Taljana u l-oħra Ġermaniża, issospendew il-proċeduri quddiemhom u għamlu lill-

<sup>35</sup> Fis-sens tal-Artikolu 3(a) u (c), tal-Artikolu 4(2) u tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 6/2002.

<sup>36</sup> Fis-sens tal-Artikoli 4 sa 6 tar-Regolament Nru 6/2002.

<sup>37</sup> Skont dan l-artikolu, "disinn għandu jiġi meqjus li jkun ġie magħmul disponibbli għall-pubbliku ġewwa l-[Unjoni] jekk ikun ġie ppubblikat, esibit, użat fil-kummerċ jew żvelat xorta oħra hekk illi, fil-kors normali tal-kummerċ, dawn l-okkażjonijiet ma jkunux ġew magħrufa [setgħu jkunu magħrufaj b'mod raġonevoli li-ċirkoli speċjalizzati fis-settar interessat, li jkunu qiegħdin joperaw ġewwa l-[Unjoni]".

<sup>38</sup> L-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 6/2002 jipprevedi li disinn għandu jitqies li għandu karatru individwali jekk l-impressjoni globali li tiproduċi għall-utent avaż tkun differenti minn dik prodotta għal tali utent minn kull disinn li ġie żvelat lill-pubbliku.

## DISINNI KOMUNITARJI

Qorti tal-Ġustizzja domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-klawżola msejħha "ta' tiswija", prevista fl-Artikolu 110(1) tar-Regolament Nru 6/2002.

Din il-klawżola tiprovo li l-protezzjoni bħala disinn Komunitarju ma teżistix fir-rigward ta' disinn li jikkostitwixxi komponent ta' prodott kumpless li jintuża bil-għan li jippermetti t-tiswija ta' dan il-prodott kumpless sabiex tiġi rrestawrata d-dehra oriġinali tiegħi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, li sarililha domanda dwar il-kwistjoni jekk l-Artikolu 110(1) tar-Regolament Nru 6/2002 jissuġġettax l-esklużjoni ta' protezzjoni li huwa jipprevedi għall-kundizzjoni li d-dehra tal-prodott kumpless li fih jinsab il-komponent inkwistjoni tikkundizzjona d-disinn protett ta' dan tal-aħħar, enfasizzat l-ġħan imfitteż mill-Artikolu 110(1) tar-Regolament Nru 6/2002, li huwa intiż li jiġi evitat il-ħolqien ta' swiegħ kaptivi għal ċerti komponenti separati u, b'mod partikolari, li jiġi evitat li konsumatur li jkun xtara prodott għal użu fit-tul, li jista' jkun oneruż, ikun marbut b'mod indefinit, għax-xiri tal-komponenti esterni, mal-manifattur tal-prodott kumpless. Minn din il-perspettiva, u fuq il-bażi ta' interpretazzjoni litterali u teleoloġika, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-portata ta' din id-dispożizzjoni ma hijiex llimitata għall-komponenti li jagħmlu parti minn prodott kumpless "li d-dehra tiegħu tikkundizzjona d-disinn protett", filwaqt li enfasizzat li din l-interpretazzjoni tikkontribwixxi għall-ġħan ta' tiswija" li jiġi llimitat il-ħolqien ta' swiegħ kaptivi għall-komponenti separati.

Barra minn hekk, fir-rigward ta' domanda dwar il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tapplika l-esklużjoni prevista fil-klawżola "ta' tiswija", il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett osservat li l-imsemmija esklużjoni tista' tapplika biss għall-komponenti li jkunu s-suġġett ta' protezzjoni bħala disinn Komunitarju u li, għalda qstant, jissodisfaw il-kundizzjonijiet għal protezzjoni stabbiliti, b'mod partikolari, fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 6/2002. Din id-dispożizzjoni tal-aħħar tiżgura l-protezzjoni ta' prodott li jikkostitwixxi komponent ta' prodott kumpless meta, minn naħħa, il-komponent, ladarba jiġi inkorporat fil-prodott kumpless, jibqa' viżibbli fil-kuntest ta' użu normali ta' dan il-prodott u, min-naħħa l-oħra, meta l-karatteristiċi viżibbli tal-komponent jissodisfaw bħala tali l-kundizzjonijiet ta' novità u ta' karattru individwali meħtieġa mill-Artikolu 4(1) tal-imsemmi regolament. Issa, dan huwa effettivament il-każ tad-disinni Komunitarji ta' rimmijiet li tagħhom il-manifatturi kkonċernati huma proprjetarji.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-imsemmija rimmijiet huma "komponent ta' prodott kumpless", fis-sens tal-Artikolu 110(1), sa fejn tali rimm huwa komponent ta' vettura li mingħajru dan il-prodott ma jkunx jista' jkun is-suġġett ta' użu normali. Fir-rigward tal-kundizzjoni li l-komponent ikkonċernat jintuża "bl-ġħan tat-tiswija ta' dan il-prodott kumpless", il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li din il-klawżola "ta' tiswija" teskludi kull użu ta' komponent għal raġunijiet ta' preferenza jew ta' sempliċi konvenjenza, bħal, b'mod partikolari, is-sostituzzjoni ta' parti għal raġunijiet estetiċi jew ta' individwalizzazzjoni tal-prodott kumpless, iżda teżiġi, għall-kuntrarju, li l-użu tal-komponent ikun meħtieġ sabiex jissewwa l-prodott kumpless li jkun żviluppa difett. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li t-tiswija kellha titwettaq sabiex tiġi rrestawrata d-dehra oriġinali tal-prodott kumpless. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat il-viżibbiltà neċċessarja ta' komponent li jikkontribwixxi għar-restawr tad-dehra tal-prodott kumpless fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 110(1) tar-Regolament Nru 6/2002 japplika biss għall-komponenti ta' prodott kumpless

li viżivament ikunu identiċi għall-komponenti oriġinali, li ma jkunx il-każ meta jkun hemm komponent ta' sostituzzjoni li ma jikkorrispondix, mill-perspettiva tal-kulur jew tad-dimensjonijiet tiegħu, għall-komponent oriġinali, jew jekk id-dehra ta' prodott kumpless tkun inbidlet mit-tqegħid fis-suq tiegħu.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward tad-domanda li sarilha dwar jekk il-benefiċċju tal-esklużjoni prevista fl-Artikolu 110(1) tar-Regolament Nru 6/2002 jeħtieġx li l-manifattur jew il-bejjiegħ ta' komponent ta' prodott kumpless jiġura u, fl-affermattiv, b'liema mod, li dan il-komponent ikun jista' jinkiseb biss għal finniet ta' tiswija, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-manifattur jew il-bejjiegħ ta' komponent ta' prodott kumpless li jkunu jixtiequ jibbenfikaw mid-deroga prevista f'din id-dispożizzjoni għandhom dmir ta' diliġenzo. F'dan ir-rigward, huma għandhom, b'mod partikolari, jinformaw lill-utent fi stadju ulterjuri, permezz ta' indikazzjoni ċara u viżibbli, fuq il-prodott, fuq l-imballaġġ tiegħu, fuq il-katalogi jew inkella fid-dokumenti tal-bejgħ, dwar il-fatt li l-komponent ikkonċernat jinkorpora disinn li tiegħu ma jkunux il-proprietarji u li dan il-komponent ikun intiż esklużiżvament li jintuża bil-għan li jippermetti t-tiswija tal-prodott kumpless sabiex tiġi rrestawrata d-dehra oriġinali tiegħu. Huma għandhom jiżguraw ukoll, permezz ta' mezzi adegwati, b'mod partikolari kuntrattwali, li l-utenti fi stadju ulterjuri ma jużaww il-komponenti inkwistjoni b'mod inkompatibbli mal-kundizzjoni jiet previsti fl-Artikolu 110(1) tar-Regolament Nru 6/2002 u, barra minn hekk, jastjenu milli jbigħu tali komponent meta jkunu jafu, jew ikollhom raġunijiet raġonevoli sabiex ikunu jafu, li dan il-komponent ma jkunx ser jintuża fil-kundizzjoni jiet previsti.

## **6. Disinni ddettati mill-funzjoni teknika tagħhom u disinni ta' interkonnessjoni**

- [Sentenza tat-8 ta' Marzu 2018, DOCERAM \(C-395/16, EU:C:2018:172\)](#)

DOCERAM GmbH kienet il-proprietarja ta' diversi disinni Komunitarji rregistrați għal pinnijiet iċċentralizzati għall-iwweldjar. Din il-kumpanija kienet ressjet kawża ta' inibizzjoni kontra CeramTec GmbH li kienet timmanifattura u tikkummerċjalizza wkoll pinnijiet iċċentralizzati fl-istess varjanti bħal dawk protetti minn dawn id-disinni. Wara kontrota bħal dikjarazzjoni ta' invalidità, l-imsemmija disinni ġew iddikjarati invalidi għar-raġuni li l-karatteristiċi tad-dehra tal-prodotti kkonċernati kienu ddettati esklużiżvament mill-funzjoni teknika tagħhom.

Adita bit-tilwima, l-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf, il-Ġermanja) iddeċidiet li tagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk l-eżistenza ta' disinni alternattivi hijiex determinanti sabiex jiġi evalwat jekk karatteristiċi tad-dehra ta' prodott ikunux iddettati esklużiżvamente mill-funzjoni teknika tiegħu.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fl-ewwel lok, li l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 6/2002 għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi evalwat jekk karatteristiċi tad-dehra ta' prodott ikunux iddettati esklużiżvamente mill-funzjoni teknika tiegħu, għandu jiġi stabbilit li din il-funzjoni tkun l-uniku fattur li jkun iddetermina dawn il-karatteristiċi, peress li l-eżistenza ta' disinni alternattivi ma hijiex determinanti f'dan ir-rigward.

## DISINNI KOMUNITARJI

Fil-fatt, l-ewwel nett, minn perspettiva litterali, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 6/2002 ma jistabbilixxi ebda kriterju sabiex jiġi evalwat jekk il-karatteristiċi kkonċernati tad-dehra ta' prodott ikunux iddettati eskuživament mill-funzjoni teknika tiegħu u li minn ebda dispożizzjoni ta' dan ir-regolament ma jirriżulta li l-eżistenza ta' disinni alternativi li jippermettu li tiġi ssodisfatta l-istess funzjoni teknika bħal dik tal-prodott ikkonċernat tikkostitwixxi l-uniku kriterju li jippermetti li tiġi ddeterminata l-applikazzjoni tal-imsemmi artikolu.

Sussegwentement, minn perspettiva kuntestwali, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 6/2002 jinsab fit-Taqsima 1 tat-Titolu II ta' dan ir-regolament, intitolata "Ħtiġiet għall-prottezzjoni", u jirrigwarda l-każ fejn il-prottezzjoni ma tingħatax permezz ta' disinn Komunitarju għall-karatteristiċi tad-dehra ta' prodott meta dawn ikunu ddettati eskuživament mill-funzjoni teknika tiegħu. Barra minn hekk, skont il-premessa 10 tal-imsemmi regolament, mill-eskużjoni tal-prottezzjoni f'dan il-każ ma jirriżultax li disinn għandu jkollu kwalità estetika. Minn dan hija ddeduċiet li ma huwiex neċċessarju li d-dehra tal-prodott ikkonċernat ikollha aspett estetiku sabiex tkun tista' tiġi protetta skont l-istess regolament.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-dehra tikkostitwixxi l-element determinanti ta' disinn u li tali konstatazzjoni timmilita favur interpretazzjoni tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 6/2002 fis-sens li din id-dispożizzjoni teskludi mill-prottezzjoni mogħtija minn dan ir-regolament il-każ fejn in-neċċessità li tiġi ssodisfatta funzjoni teknika tal-prodott ikkonċernat tkun l-uniku fattur li jkun iddetermina l-għażla mid-disinjatur ta' karatteristika tad-dehra ta' dan il-prodott, filwaqt li l-kunsiderazzjonijiet ta' natura oħra, b'mod partikolari dawk marbutin mal-aspett viżiv tal-imsemmi prodott, ma kellhom l-ebda rwol fl-għażla ta' din il-karatteristika.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din l-interpretazzjoni hija kkorroborata wkoll mill-ġħan imfittegħ mir-Regolament Nru 6/2002. Fil-fatt, mill-premessa 5 u 7 tal-imsemmi regolament jirriżulta li dan għandu l-għan li joħloq disinn Komunitarju applikabbli direttament f'kull Stat Membru li jkun protett f'territorju uniku li jinkludi l-Istati Membri kollha u l-għan li jippromwovi l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' prodotti ġoddha kif ukoll l-investiment fil-produzzjoni tagħhom billi tingħata prottezzjoni aħjar lill-estetika industrijali. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 6/2002, moqri fid-dawl tal-premessa 10 ta' dan ir-regolament, din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tipprekludi li l-innovazzjoni teknoloġika tixxekkel permezz tal-prottezzjoni tal-karatteristiċi tad-dehra ddettati eskuživament mill-funzjoni teknika ta' prodott.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-karatteristiċi kkonċernati tad-dehra ta' prodott ikunux iddettati eskuživament mill-funzjoni teknika tiegħu, il-qorti nazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni c-ċirkustanzi oġġettivi rilevanti kollha ta' kull każ individuali u li ma jkunx hemm lok, f'dan ir-rigward, li tibbaża ruħha fuq il-perċezzjoni ta' "osservatur oġġettiv".

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li tali evalwazzjoni għandha titwettaq, b'mod partikolari, fir-rigward tad-disinn inkwistjoni, taċ-ċirkustanzi oġġettivi li jindikaw ir-raġunijiet wara l-għażla tal-karatteristiċi tad-dehra tal-prodott ikkonċernat, tad-data dwar l-użu tiegħu kif ukoll tal-eżistenza ta' disinni alternativi li jippermettu li tinkiseb l-istess funzjoni teknika, sakemm dawn iċ-ċirkustanzi, din id-data jew din l-eżistenza jkunu sostnuti minn provi affidabbli.

- [Sentenza tat-18 ta' Novembru 2020, Tinnus Enterprises vs EUIPO – Mystic Products u Koopman International \(Tagħmir għad-distribuzzjoni ta' fluwidi\) \(T-574/19, EU:T:2020:543\)](#)<sup>39</sup>

Tinnus Enterprises LLC kienet il-proprietarja tad-disinn Komunitarju ppreżentat fl-10 ta' Marzu 2015 quddiem l-EUIPO u intiż li jiġi applikat għall-prodott "tagħmir għad-distribuzzjoni ta' fluwidi". Fis-7 ta' Ġunju 2016 u fid-19 ta' April 2017, Mystic Products Import & Export SL u Koopman International BV ressqu talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità relatata mad-disinn ikkontestat. Huma invokaw b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 6/2002, li jipprovdi li disinn Komunitarju ma jagħtix drittijiet fuq il-karatteristiċi tad-dehra ta' prodott li jkunu ddettati eskuživament mill-funzjoni teknika tiegħu.

Permezz ta' deċiżjoni konfermatorja tat-12 ta' Ġunju 2019, il-Bord tal-Appell tal-EUIPO ddikjara d-disinn inkwistjoni invalidu billi kkonkluda li dan kien ibbażat fuq karatteristiċi tad-dehra ta' prodott, jiġifieri tagħmir għad-distribuzzjoni ta' fluwidi, li kienu ddettati eskuživament mill-funzjoni teknika tiegħu.

Il-Qorti ġenerali čāħdet ir-rikors ippreżentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, filwaqt li interpretat għall-ewwel darba l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 6/2002, li jipprovdi li disinn Komunitarju ma jagħtix drittijiet fuq il-karatteristiċi tad-dehra ta' prodott li jkunu ddettati eskuživament mill-funzjoni teknika tiegħu, b'estensjoni tal-analiżi mwettqa mill-Qorti tal-ġustizzja fis-sentenza tat-8 ta' Marzu 2018, DOCERAM<sup>40</sup>.

L-ewwel nett, il-Qorti ġenerali fakkret li, skont is-sentenza DOCERAM, sabiex jiġi evalwat jekk karatteristiċi tad-dehra ta' prodott ikunux iddettati eskuživament mill-funzjoni teknika tiegħu, għandu jiġi stabbilit li din il-funzjoni hija l-uniku fattur li ddetermina dawn il-karatteristiċi, peress li l-eżiżenza ta' disinni alternattivi ma hijiex determinanti f'dan ir-rigward. L-evalwazzjoni għandha titwettaq skont tliet stadji li huma d-determinazzjoni tal-funzjoni teknika tal-prodott ikkonċernat, l-analiżi tal-karatteristiċi tad-dehra tal-imsemmi prodott u l-eżami tal-kwistjoni jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi oġġettivi rilevanti kollha, dawn il-karatteristiċi jkunux iddettati eskuživament mill-funzjoni teknika tal-prodott ikkonċernat. Il-Qorti ġenerali ppreċiżat li, jekk mill-inqas waħda mill-karatteristiċi tad-dehra tal-prodott ikkonċernat ma tkunx iddettata eskuživament mill-funzjoni teknika tal-imsemmi prodott, id-disinn jibqa' validu u jagħti protezzjoni lil din il-karatteristika.

Barra minn hekk, il-Qorti ġenerali rrilevat li, jekk il-karatteristiċi kollha tad-dehra tal-prodott ikkonċernat ikunu ddettati eskuživament mill-funzjoni teknika tiegħu, disinn ma jkunx validu, sakemm l-arrangġement tal-imsemmija karatteristiċi ma jkunx ġie ddettat minn kunsiderazzjonijiet li ma jaqgħux eskuživament taħt in-neċessità li tiġi ssodisfatta l-funzjoni teknika tal-prodott ikkonċernat, billi tiġi prodotta, b'mod partikolari, impressjoni viżiva globali li tmur lil hinn mis-sempliċi funzjoni teknika.

Sussegwentement, wara li fakkret li l-identifikazzjoni tal-karatteristiċi tad-dehra ta' prodott għandha ssir każ b'każ, jew permezz ta' sempliċi analiżi viżiva tad-disinn, jew permezz ta' eżami

<sup>39</sup> L-appell minn din is-sentenza ma ġiex ammess (digriet tal-5 ta' Mejju 2021, [Tinnus Enterprises vs EUIPO](#), C-29/21 P, mhux ippubblikat, EU:C:2021:357).

<sup>40</sup> Ara s-sentenza tal-Qorti tal-ġustizzja tat-8 ta' Marzu 2018, [DOCERAM](#) (C-395/16, EU:C:2018:172), li hija ppreżentata f'dan id-dokument tematiku fit-Taqsima "I. 6. Disinn ddettati mill-funzjoni teknika tagħhom u disinni ta' interkonnessjoni", p. 34.

## DISINNI KOMUNITARJI

fil-fond tiegħu, il-Qorti Ĝeneralist kkonfermat l-approċċ adottat mill-EUIPO u qieset li l-fatt li jkun hemm koinċidenza bejn il-karatteristiċi tad-dehra tal-prodott ikkonċernat u l-elementi individuali li jikkomponuh ma jfissirx li l-EUIPO wettaq żball fl-identifikazzjoni tal-imsemmija karakteristiċi.

Barra minn hekk, il-Qorti Ĝeneralist fakkret li, skont is-sentenza DOCERAM, l-eżistenza ta' disinni alternattivi li jippermettu li tinkiseb l-istess funzjoni teknika tikkostitwixxi ġirkustanza oġġettiva rilevanti li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk il-karatteristiċi tad-dehra tal-prodott ikkonċernat ikunux iddettati esklużivament mill-funzjoni teknika tiegħu. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ĝeneralist qieset li, fl-analiżi tiegħu tad-disinn inkwistjoni, l-EUIPO ħa ġustament inkunsiderazzjoni mhux biss l-eżistenza ta' disinni oħra miżmuma minn Tinnus Enterprises, iżda wkoll ġirkustanzi oġġettivi rilevanti oħra, fosthom b'mod partikolari l-applikazzjoni tagħha għal privattiva Ewropea, sabiex wasal għall-konklużjoni li l-karatteristiċi kollha tad-dehra tal-prodott ikkonċernat kienu ddettati esklużivament mill-funzjoni teknika tiegħu.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ĝeneralist qieset li l-EUIPO kien ħa inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi oġġettivi rilevanti kollha, kif sostnuti minn provi affidabbi, sabiex wasal għall-konklużjoni li d-dehra tal-prodott ikkonċernat ma kinitx tirriżulta minn arranġament speċifiku tal-karatteristiċi tiegħu ddettat minn kunsiderazzjonijiet estetiċi iżda kienet iddettata esklużivament mill-funzjoni teknika tal-imsemmi prodott.

## 7. Kunflitt ma' disinn preċedenti

- [Sentenza tat-18 ta' Marzu 2010, Grupo Promer Mon Graphic vs UASI – PepsiCo \(Rappreżentazzjoni ta' oġġett promozzjonali ċirkulari\) \(T-9/07, EU:T:2010:96\)](#)<sup>41</sup>

PepsiCo kienet il-proprietarja ta' disinn Komunitarju rregistret mal-UASI (li sar l-EUIPO), li jirrappreżenta oġġetti promozzjonali tad-divertiment, skont ir-Regolament Nru 6/2002. Il-Bord tal-Appell, filwaqt li annulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni li laqgħet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa minn Grupo Promer, qies li d-disinn ikkontestat ma kienx f'kunflitt ma' disinn preċedenti.

Il-Qorti Ĝeneralist laqgħet ir-rikors ippreżentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, filwaqt li annullat l-imsemmija deċiżjoni billi qieset li d-differenzi bejn id-disinni kunfliġġenti kienu insuffiċjenti sabiex jiproduċċu impressjoni globali differenti għall-utent avżat.

Il-Qorti Ĝeneralist ppreċiżat li l-lista ta' raġunijiet għall-invalidità ta' disinn Komunitarju stabbilita fl-Artikolu 25(1) tar-Regolament Nru 6/2002 għandha titqies li hija eżawrjenti u ma tinkludix il-mala fide tal-proprietarju tad-disinn Komunitarju kkontestat. Barra minn hekk il-Qorti Ĝeneralist d-definixxiet ċerti kunċetti fundamentali tar-Regolament Nru 6/2002. Fir-rigward tal-kunċett ta' "kunflitt", il-Qorti Ĝeneralist rrilevat li l-Artikolu 25(1)(d) tar-Regolament Nru 6/2002 għandu jiġi interpretat fis-sens li disinn Komunitarju jkun f'kunflitt ma' disinn preċedenti meta, fid-dawl tal-libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tal-imsemmi disinn Komunitarju, dan id-disinn ma jiproduċċix

<sup>41</sup> L-appell ippreżentat minn din is-sentenza ġie miċħud permezz tas-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2011, [PepsiCo vs Grupo Promer Mon Graphic \(C-281/10 P, EU:C:2011:679\)](#), li hija präsentata fit-Taqsima "I. 3.c. Karatru individuali – Utent avżat".

## DISINNI KOMUNITARJI

għall-utent avżat impressjoni globali differenti minn dik prodotta mid-disinn preċedenti invokat. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ċċarat il-portata tal-kunċetti ta' "grad ta' libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn", ta' "utent avżat" u ta' "impressjoni globali". Fir-rigward tal-grad ta' libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li dan għandu jiġi ddefinit abbażi, b'mod partikolari, tar-restrizzjonijiet marbuta mal-karatteristiċi ddettati mill-funzjoni teknika tal-prodott jew ta' element tal-prodott, kif ukoll mir-rekwiżiti legali applikabbli għall-prodott.

- [Sentenza tal-21 ta' April 2021, Bibita Group vs EUIPO – Benkomers \(Flixkun tax-xorb\) \(T-326/20, EU:T:2021:208\)](#)

Fit-13 ta' Marzu 2017, Benkomers OOD ippreżentat applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' disinn Komunitarju li jirrappreżenta flixfun tax-xorb mal-EUIPO. Wara r-reġistrazzjoni tad-disinn, ir-rikorrenti, Bibita Group, ressqt talba għad-dikjarazzjoni tal-invalidità ta' dan id-disinn, li insostenn tagħha hija invokat l-Artikolu 25(1)(d)(iii) tar-Regolament Nru 6/2002. Bibita Group sostniet li, peress li, fil-kuntest tal-Artikolu 25(1)(d)(iii) tar-Regolament Nru 6/2002, kellhom jiġu applikati l-istess kriterji bħal dawk applikabbli għall-evalwazzjoni tal-karatru individwali skont l-Artikolu 25(1)(b), moqri flimkien mal-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament, id-disinn ikkontestat ma kellux karatru individwali meta mqabbel mad-disinn li tiegħu hija kienet il-proprietarja, li kien ilu protett minn data preċedenti għall-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tad-disinn ikkontestat. It-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità<sup>42</sup> għiet miċħuda mid-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni u l-Bord tal-Appell tal-EUIPO ċaħad l-appell.

F'din is-sentenza il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat minn Bibita Group kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell u ppreċiżat il-kunċett ta' "kunflitt" fis-sens tal-Artikolu 25(1)(d) tar-Regolament Nru 6/2002.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 25(1)(d) tar-Regolament Nru 6/2002 għandu jiġi interpretat fis-sens li disinn Komunitarju jkun f'kunflitt ma' disinn preċedenti meta, fid-dawl tal-libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tal-imsemmi disinn Komunitarju, dan id-disinn ma jiproduċix għall-utent avżat impressjoni globali differenti minn dik prodotta mid-disinn preċedenti invokat.

Sussegwentement, għal dak li jirrigwarda l-argument fis-sens li d-disinn preċedenti kien jibbenefika minn protezzjoni partikolarmen wiesgħa, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, minkejja r-riferiment għall-eżistenza ta' differenza "ċara" bejn l-impressjonijiet globali prodotti mid-disinni inkwistjoni li jinsab fil-premessa 14 tar-Regolament Nru 6/2002, il-formulazzjoni tal-Artikolu 6 ta' dan tal-aħħar hija ċara u inambigwa. B'hekk, konformement mal-ġurisprudenza dwar din id-dispożizzjoni, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 25(1)(d) tal-imsemmi regolament u tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' kunflitt bejn id-disinni inkwistjoni għandu jitqies li disinn ikun jista'

---

<sup>42</sup> Skont l-Artikolu 25(1)(d)(iii) tar-Regolament Nru 6/2002, kif emendat, disinn Komunitarju jista' jiġi ddikjarat invalidu jekk ikun f'kunflitt ma' disinn preċedenti li kien is-suġġett ta' żvelar lill-pubbliku wara d-data tal-preżentata tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew wara d-data tal-priorità tad-disinn Komunitarju, fil-każ li tīġi invokata prioritā, u li jkun ilu protett minn data preċedenti permezz ta' disinn irregiestrat taħt l-Att ta' Genève tal-Ftehim ta' Den Haag dwar ir-Reġistrazzjoni Internazzjonali tad-Disinġi Industrijali, addottat f'Genève fit-2 ta' Lulju 1999, li ġie approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/945/KE tat-18 ta' Diċembru 2006 (ĠU 2006, L 386, p. 28), u li jiproduċi l-effetti tiegħu fil-Komunità, jew permezz ta' applikazzjoni għall-kisba tad-dritt korrispondenti.

jibbenefika mill-protezzjoni offruta mid-disinn Komunitarju jekk jiproduci għall-utent avżat impressjoni globali differenti minn dik prodotta minn disinn preċedenti.

Barra minn hekk, il-Qorti Ĝeneralni enfasizzat li, anki jekk jitqies li jkun stabbilit il-fatt li, fid-data tar-reġistrazzjoni tiegħu, il-forma tad-disinn preċedenti kienet kompletament ġdida fis-settur industrijali kkonċernat, il-karatru uniku ta' tali forma ma jagħtihiex protezzjoni usa' minn dik li jibbenefika minnha d-disinn skont ir-Regolament Nru 6/2002. Barra minn hekk, in-natura allegatament ġdida jew l-oriġinalità tad-dehra tad-disinn preċedenti ma għandhomx influwenza fuq l-evalwazzjoni tal-karatru individwali tad-disinn ikkontestat.

Fl-aħħar nett, wara li fakkret il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-karatru individwali ta' disinn Komunitarju, il-Qorti Ĝeneralni evalwat l-impressjoni globali prodotta mid-disinni inkwistjoni għall-utent avżat. Hija enfasizzat li l-evalwazzjoni li għandha ssir f'dan ir-rigward timplika t-teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi kollha ta' differenzjazzjoni bejn id-disinni inkwistjoni ħlief għal dawk li ma humiex sinjifikattivi bieżżejjed sabiex jaffettaw l-imsemmija impressjoni globali.

Issa, id-disinni inkwistjoni kellhom differenzi sinjifikattivi. Konsegwentement, il-Qorti Ĝeneralni ddeċidiet li l-Bord tal-Appell ikkonkluda korrettament li d-disinn ikkontestat ma kienx f'kunflitt mad-disinn preċedenti fis-sens tal-Artikolu 25(1)(d)(iii) tal-imsemmi regolament

## 8. Użu ta' sinjal distintiv f'disinn ulterjuri

- [Sentenza tat-12 ta' Mejju 2010, Beifa Group vs UASI – Schwan-Stabilo Schwanhäußer \(Strument tal-kitba\) \(T-148/08, EU:T:2010:190\)](#)

Beifa Group Co. Ltd. kienet il-proprietarja ta' disinn Komunitarju rreġistrat mal-UASI (li sar l-EUIPO), li jirrapreżenta strumenti tal-kitba, skont ir-Regolament Nru 6/2002. Adita b'talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa minn Schwan-Stabilo Schwanhäußer GmbH & Co. KG., il-proprietarja ta' trade mark tridimensionsjali preċedenti, id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni kienet iddiċċik jaqtid l-invalidità tad-disinn ikkontestat. Essenzjalment, hija qieset li, fid-disinn ikkontestat, kienet intużat it-trade mark preċedenti, b'tali mod li kien jixbahha. Peress li l-prodotti koperti mid-disinn ikkontestat u mit-trade mark preċedenti kienu identiċi, kienet teżisti, skont id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, probabbiltà ta' konfużjoni għall-pubbliku kkonċernat mill-imsemmija prodotti.

Il-Qorti Ĝeneralni laqgħet ir-rikors ippreżentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell li kkonfermat id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, filwaqt li annullat l-imsemmija deċiżjoni u għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 25(1)(e) tar-Regolament Nru 6/2002, li jipprovidi li disinn Komunitarju jista' jiġi ddikjarat invalidu biss jekk jintuża sinjal distintiv f'disinn sussegwenti u jekk id-dritt Komunitarju jew il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat li jirregolaw dan is-sinjal jagħtu lill-proprietarju tas-sinjal id-dritt li jipprobixxi dan l-użu. Skont il-Qorti Ĝeneralni, dan l-artikolu jkopri wkoll il-każ ta' xebħ bejn is-sinjal u mhux biss dak ta' identiċità, b'tali mod li l-Bord tal-Appell ma wettaqx żball ta' li ġiġi meta interpreta din id-dispożizzjoni fis-sens li tista' tiġi invokata mill-proprietarju ta' sinjal distintiv sabiex jitlob dikjarazzjoni ta' invalidità ta' disinn Komunitarju sussegwenti meta, fl-imsemmi disinn, jintuża sinjal li jixbah lis-sinjal tiegħu.

## DISINNI KOMUNITARJI

Il-Qorti Ġenerali eżaminat barra minn hekk il-kwistjoni tal-modalitajiet tat-tressiq ta' talba għall-prova tal-użu ġenwin mill-proprjetarju ta' disinn Komunitarju kopert minn talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi f'dan ir-rigward fir-Regolament Nru 6/2002. Il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-imsemmija talba għandha titressaq b'mod espliċitu u fil-ħin quddiem l-Uffiċċju. Għall-kuntrarju, talba għall-prova tal-użu ġenwin tas-sinjal preċedenti invokat insostenn ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' disinn Komunitarju ma tistax titressaq għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell.

- [Sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, Piaggio & C. vs EUIPO – Zhejiang Zhongneng Industry Group \(Motoċikletti\) \(T-219/18, EU:T:2019:681\)](#)<sup>43</sup>

Zhejiang Zhongneng Industry Group Co. Ltd kienet il-proprietarja ta' disinn Komunitarju rregistral mal-EUIPO, li jirrappreżenta mopeds u motoċikletti, skont ir-Regolament Nru 6/2002. Il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, filwaqt li annulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni li kienet laqgħet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa minn Piaggio & C. SpA, qies li d-disinn ikkostestat ma kienx nieqes min-novità u lanqas minn karattru individwali.

Il-Qorti Ġenerali čāħdet ir-rikors ippreżentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, filwaqt li qieset li l-Bord tal-Appell ma kienx wettaq żball ta' evalwazzjoni meta qies li ma kien hemm ebda probabbiltà ta' konfużjoni f'moħħ il-pubbliku rilevanti, inkluża probabbiltà ta' assoċjazzjoni, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 25(1)(e) tar-Regolament Nru 6/2002.

F'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkjarifikat il-portata u l-kunċetti relatati mar-raġuni għall-invalidità ta' disinn Komunitarju rregistral ibbażata fuq l-użu, f'disinn, ta' sinjal distintiv preċedenti bi ksur tal-Artikolu 25(1) (e) tar-Regolament Nru 6/2002.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li minħabba, minn naħħa, l-impressjoni viżiva globali prodotta mit-trade mark preċedenti invokata minn Piaggio & C., li kienet ikkostitwita mill-forma tridimensjonal ta' moped protetta wkoll mid-disinn preċedenti, li kienet differenti minn dik prodotta mid-disinn ikkostestat, u, min-naħħa l-oħra, l-importanza li l-estetika kellha fl-għażla li huwa jagħmel, il-konsumatur medju, li juri livell għoli ta' attenzjoni, kien ser jeskludi l-possibbiltà li, fid-disinn ikkostestat, tkun tista' tintuża t-trade mark preċedenti, minkejja l-identiċċità tal-prodotti kkonċernati.

B'mod iktar partikolari, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, meta kien josserva l-forma tridimensjonal ta' moped protetta mit-trade mark preċedenti u dik tad-disinn ikkostestat, il-konsumatur medju, li ma huwiex espert b'ħiliet tekniċi estensivi, ma kienx ser ikun jista' jidentifika b'mod spontanju l-ittra "X" bejn il-ventilatur ta' wara u n-naħħa ta' isfel tas-sarġ jew il-forma "Ω" maqluba bejn il-qiegħ tas-sarġ u r-rampa, u lanqas kien ser jinduna awtomatikament bil-forma ta' vlegġga tar-rampa, u dan lanqas jekk ikollu livell għoli ta' attenzjoni. F'dak li għandu x'jaqsam mal-buq, huwa kien ser jinnota pjuttost id-differenza bejn il-forma ġejja għad-djuq tal-buq tat-trade mark preċedenti u dik tad-disinn ikkostestat, li jidher iktar bħala nofs ċirku. B'mod iktar globali, il-konsumatur medju, li juri livell għoli ta' attenzjoni, kien ser jipperċepixxi l-istil, il-linji u d-dehra li

<sup>43</sup> Ara wkoll it-Taqsima "I. 9. Użu mhux awtorizzat ta' xogħol protett mid-drittijiet tal-awtur".

jikkaratterizzaw il-forma tridimensjonalni tal-moped protett mit-trade mark preċedenti bħala differenti, fuq livell viżiv, minn dawk tad-disinn ikkонтestat.

## 9. Użu mhux awtorizzat ta' xogħol protett mid-drittijiet tal-awtur

- [Sentenza tat-23 ta' Ottubru 2013, Viejo Valle vs UASI – Établissements Coquet \(Kikkra u plattina bl-istrixxi u platt tas-soppa bl-istrixxi\) \(T-566/11 u T-567/11, EU:T:2013:549\)](#)

Viejo Valle, SA, kienet il-proprietarja ta' disinni Komunitarji li jirrappresentaw kikkra u plattina bl-istrixxi u platt tas-soppa bl-istrixxi. L-intervenjenti, Établissements Coquet, resqet talbiet għad-dikjarazzjoni tal-invalidità ta' dawn id-disinni abbażi tal-Artikolu 25(1)(f) tar-Regolament Nru 6/2002. Hija invokat żewġ oġġetti li jifformaw parti minn sett tal-platti li għalihom hija kienet qiegħda titlob protezzjoni abbażi tad-drittijiet tal-awtur skont id-dritt Franċiż. L-UASI (li sar l-EUIPO iddikjara l-invalidità tad-disinni kkontestati.

Il-Qorti Ġenerali čāħdet ir-rikors ippreżentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, filwaqt li fakkret li l-Artikolu 25(3) tar-Regolament Nru 6/2002 u l-Artikolu 28(1)(b)(iii) tar-Regolament Nru 2245/2002 jeħtieġu li l-parti li tressaq talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' disinn Komunitarju abbażi tad-drittijiet tal-awtur protetti skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tkun il-proprietarja ta' dawn id-drittijiet tal-awtur u li tiproduċi quddiem l-EUIPO provi ta' dan il-fatt.

Il-kwistjoni dwar jekk il-parti li tressaq talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tkunx il-proprietarja tad-drittijiet tal-awtur, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, kif ukoll il-kwistjoni tal-prova ta' dawn id-drittijiet quddiem l-Uffiċċju, ma jistgħux jiġi evalwati mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni ddritt tal-Istat Membru, f'dan il-każ id-dritt Franċiż, invokat insostenn tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità. Fil-fatt, id-dritt tal-Istat Membru applikabbli jopera b'mod partikolari, f'dan il-kuntest, sabiex jiddefinixxi l-metodi ta' akkwist u ta' prova tad-drittijiet tal-awtur fuq ix-xogħol invokat insostenn tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità.

- [Sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, Piaggio & C. vs EUIPO – Zhejiang Zhongneng Industry Group \(Motoċikletti\) \(T-219/18, EU:T:2019:681\)](#)<sup>44</sup>

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement<sup>45</sup>, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Bord tal-Appell ma wettaqx żball ta' evalwazzjoni meta qies, abbażi tal-provi li kellu quddiemu, li l-mudell ta' moped li jikkorrispondi għad-diskin preċedenti, protett mid-drittijiet tal-awtur taħt id-dritt Taljan u dak Franċiż, ma kienx is-suġġett ta' użu mhux awtorizzat fid-disinn ikkонтestat għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 25(1)(f) tar-Regolament Nru 2002.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, abbażi tad-drittijiet tal-awtur taħt id-dritt Taljan, l-użu tal-qalba artistika u kreattiva kkostitwita mill-karatteristiċi ta' forma tal-mudell ta' moped li

<sup>44</sup> Ara wkoll it-Taqsima "I. 8. Użu ta' sinjal distintiv f'disinn ulterjuri".

<sup>45</sup> Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima "I. 8. Użu ta' sinjal distintiv f'disinn ulterjuri", p. 39.

## DISINNI KOMUNITARJI

jikkorrispondi għad-disinn preċedenti ma setax jiġi rrilevat fid-disinn ikkontestat. Fil-fatt, bejn il-ventilatur ta' wara u l-qiegħ tas-sarġ, kif ukoll bejn il-qiegħ tas-sarġ u r-rampa, id-disinn ikkontestat pjuttost kien jippreżenta linji b'aspett angolari. Ir-rampa ppuntata tiegħu kienet tirrapreżenta "rabta" mal-mudguard, iktar milli vleġġa. Fil-każ tal-buq, il-forma tiegħu fid-disinn ikkontestat ma kinitx tiġi għad-djiegħ, bil-kontra tal-forma ta' qatra tal-buq tad-disinn preċedenti.

Barra minn hekk, skont il-Qorti Ġenerali, l-aspett globali speċifiku u l-forma partikolari, li għandha "natura arrotondata, femminili u 'vintage", tad-disinn preċedenti lanqas ma kienu jistgħu jinstabu fid-disinn ikkontestat, ikkaratterizzat minn linji dritt u angoli, b'tali mod li l-impressjonijiet li kienu jirriżultaw mix-xogħol, li jikkorrispondi għad-disinn preċedenti, u mid-disinn ikkontestat kienu differenti.

## II. Drittijiet mogħtija mid-disinn

### 1. Proprietà tad-dritt għad-disinn

- [Sentenza tat-2 ta' Lulju 2009, FEIA \(C-32/08, EU:C:2009:418\)](#)

Il-Fundación Española para la Innovación de la Artesanía (iktar 'il quddiem il-“FEIA”) kienet fasslet il-proġett D'ARTES li fil-kuntest tiegħu setgħu joħolqu workshops artiġjanali, permezz ta' abbozz ta' disinn żviluppat minn professjonist, firxa ta' oġġett bl-għan li jitqiegħdu fis-suq. AC&G SA, bħala l-kumpannija responsabbli għall-proġett, ġiet inkarigata tagħżel id-disinjaturi u tikkonkludi ftehim magħħom. B'hekk, AC&G ikkonkludiet kuntratt verbali ma' Cul de Sac Espacivao Creativo SL (iktar 'il quddiem “Cul de Sac”), li ma kienx jaqa' taħbi il-kodiċi tax-xogħol Spanjol u li bis-saħħa tiegħu din tal-aħħar kienet responsabbli għall-iż-żvilupp ta' disinn bil-għan li tinħoloq kollezzjoni ġidida ta' prodotti.

Cul de Sac kienet iddisinjat sensiela ta' arloġġi tal-ħajt (arloġġi tal-kukù), żviluppati u ppreżentati fil-kuntest tal-proġett D'ARTES. Cul de Sac u Acierta Product & Position SA kienu, sussegwentement, immanifatturaw u qiegħdu fis-suq arloġġi tal-kukù. Il-FEIA fetħet kawża għal kontrafazzjoni kontrihom quddiem il-Juzgado de lo Mercantil no 1 de Alicante y no 1 de Marca Comunitaria (il-Qorti Kummerċjali Nru 1 ta' Alicante u t-Tribunal Nru 1 tat-Trade Marks Komunitarji, Spanja) li fil-kuntest tagħha sostniet li hija kienet il-proprietarja tad-disinn Komunitarji mhux irregjistrati relatati mal-arloġġi tal-kukù inkwistjoni.

Adita b'domandi preliminari dwar il-proprietà ta' disinn Komunitarju żviluppat fuq kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 6/2002, li jipprovd li d-dritt għad-disinn Komunitarju għandu jkun il-proprietà tal-persuna li timpjega meta dan id-disinn jiġi żviluppat minn impjegat fl-eżerċizzju tal-obbligi tiegħu jew skont l-istruzzjonijiet mogħtija mill-persuna li timpjegah, sakemm ma jkunx hemm ftehim kuntrarju jew dispożizzjoni kuntrarja fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, ma jaapplikax għad-disinn Komunitarju żviluppat fuq kummissjoni.

Fil-fatt, il-leġiżlatur Komunitarju ried jiddefinixxi s-sistema speċjali prevista fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament b'riferiment għal tip speċifiku ta' relazzjoni kuntrattwali, jiġifieri r-relazzjoni ta' xogħol, b'tali mod li hija eskluża l-applikabbiltà tal-imsemmi paragrafu għal relazzjonijiet kuntrattwali oħra, bħalma hija dik li tirrigwarda disinn Komunitarju maħluq fuq kummissjoni.

Fil-każ fejn, minn naħħa, ikunu involuti disinni Komunitarji mhux irregjistrati li jkunu nħolqu fuq kummissjoni u, min-naħħa l-oħra, il-liġi nazzjonali ma tassimilax disinni bħal dawn ma' dawk żviluppati fil-kuntest ta' relazzjoni ta' xogħol, l-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 6/2002 għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt għad-disinn Komunitarju ikun proprietà tad-disinjatur, sakemm ma jkunx ġie ttrasferit permezz ta' kuntratt lis-suċċessur fit-titolu tiegħu.

Fil-fatt, il-possibbiltà li d-dritt għad-disinn Komunitarju tad-disinjatur jiġi ttrasferit permezz ta' kuntratt lis-suċċessur fit-titolu tiegħu fis-sens tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament, minn naħħa, tirriżulta mil-formulazzjoni stess ta' dan l-artikolu u, min-naħħa l-oħra, hija konformi mal-għanijiet

imfittxija mill-imsemmi regolament. F'dan ir-rigward, l-adattament tal-protezzjoni tad-disinni Komunitarji għall-bżonnijiet tas-setturi kollha tal-ekonomija tal-Komunità, permezz ta' trasferiment kuntrattwali tad-dritt għad-disinn Komunitarju jista' jikkontribwixxi għall-għan essenzjali tal-eżerċizzu effettiv tad-drittijiet mogħtija minn disinn Komunitarju fit-territorju kollu tal-Komunità. Barra minn hekk, protezzjoni msaħħha tal-estetika industrijali mhux biss thegħġegħ lid-disinjaturi individwali jikkontribwixxu għal-livell ta' żvilupp Komunitarju f'dan il-qasam, iżda tinkoraġġixxi wkoll l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' prodotti ġoddha u l-investiment fil-produzzjoni tagħhom.

Madankollu hija l-qorti nazzjonali li għandha tiverifika l-kontenut ta' tali kuntratt u, f'dan id-dawl, tistabbilixxi jekk, eventwalment, id-dritt għal disinn Komunitarju mhux irreġistrat kienx effettivament ittrasferit mid-disinjatur lis-suċċessur fit-titoli tiegħi billi tapplika, fil-kuntest tal-imsemmi eżami, il-leġiżlazzjoni dwar il-kuntratti sabiex tistabbilixxi lil min jappartjeni, konformement mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament, id-dritt għad-disinn Komunitarju mhux irreġistrat.

## 2. Effetti tad-dritt għad-disinn

- [Sentenza tas-16 ta' Frar 2012, Celaya Emparanza y Galdos International \(C-488/10, EU:C:2012:88\)](#)

Celaya Emparanza y Galdos Internacional SA kienet il-proprietarja ta' disinn Komunitarju kompost minn bollard iddestinat li jservi bħala sinjal għat-traffiku, li ġie ppreżentat quddiem l-EUIPO fis-26 ta' Ottubru 2005. FI-2007, Proyectos Integrales de Balizamiento SL kienet ikkummerċjalizzat bollard. FI-2008, din tal-aħħar kisbet, quddiem l-EUIPO, ir-reġistrazzjoni ta' disinn Komunitarju kompost minn dan il-bollard. Peress li qieset li l-imsemmi bollard ma kienx jiproduċi impressjoni globali differenti minn dik tad-disinn tagħha, Celaya Emparanza y Galdos Internacional ressjet azzjoni għal-kontrafazzjoni quddiem il-Juzgado de lo Mercantil no 1 de Alicante y no 1 de Marca Comunitaria (il-Qorti Kummerċjali Nru 1 ta' Alicante u t-Tribunal Nru 1 tat-Trade Marks Komunitarji, Spanja). Proyectos Integrales de Balizamiento sostniet li, sakemm ir-reġistrazzjoni tad-disinn tagħha ma kinitx annullata, hija kienet tibbenefika minn dritt ta' użu b'tali mod li l-eżerċizzu tal-imsemmi dritt ma setax jitqies li huwa kontrafazzjoni.

Adita b'rinvju għal-deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 6/2002 għandu jiġi interpretat fis-sens li, ftilwima dwar ksur tad-dritt esklużiv mogħti minn disinn Komunitarju rreġistrat, id-dritt li terzi jiġu pprojbiti milli jużaw l-imsemmi disinn għandu jinkludi kull terz li juża disinn li ma jiproduċix għall-utent avżat impressjoni globali differenti, inkluż terz li jkun il-proprietarju ta' disinn Komunitarju rreġistrat wara, irrISPETTIVAMENT mill-intenzjoni u mill-agħir ta' dan tal-aħħar.

Id-dispożizzjoni jiet tar-Regolament għandhom jiġi interpretati fid-dawl tal-prinċipju ta' priorità, li abbażi tiegħi d-disinn Komunitarju rreġistrat qabel għandu jipprevali fuq id-disinni Komunitarji rreġistrati wara. Mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament jirriżulta b'mod partikolari li l-protezzjoni ta' disinn permezz ta' disinn Komunitarju tiġi żgurata biss sa fejn dan ikun ġdid u jkollu karattru

## DISINNI KOMUNITARJI

individwali. Issa, fil-każ ta' kunflitt bejn żewġ disinni Komunitarji rreġistrati, dak irreġistrat fl-ewwel lok jitqies li jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet sabiex jikseb il-protezzjoni Komunitarja qabel dak irreġistrat fit-tieni lok. Għalhekk, il-proprietarju ta' disinn Komunitarju rreġistrat wara jista' jingħata l-protezzjoni li jagħti ir-Regolament fil-każ biss li jistabbilixxi l-assenza ta' waħda mill-imsemmija kundizzjonijiet fir-rigward tad-disinn Komunitarju rreġistrat qabel permezz ta' azzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità, jekk ikun il-każ imressqa b'reazzjoni għal azzjoni għal kontrafazzjoni.

Skont il-proċedura ta' regiestrazzjoni tad-disinni Komunitarji, irregolata bl-Artikoli 45 sa 48 tar-Regolament Nru 6/2002, l-EUIPO għandu jeżamina l-konformità ta' applikazzjoni mal-kundizzjonijiet formali marbuta mal-preżentata, bħalma huma dawk previsti f'dan ir-regolament. Jekk l-applikazzjoni tissodisfa l-imsemmija kundizzjonijiet, tissodisfa d-definizzjoni ta' disinn prevista fl-Artikolu 3(a) tar-Regolament u ma tiksirx l-ordni pubbliku jew il-moralità, l-Uffiċċju għandu jinkludi l-applikazzjoni fir-registro tad-disinni Komunitarji bħala disinn Komunitarju rreġistrat. Madankollu, dan huwa kontroll prima facie ta' natura essenzjalment formali, li, kif indikat fil-premessa 18 tar-Regolament, ma jeħtieġ eżami dwar il-mertu intiż li jiddetermina qabel ma ssir ir-regiestrazzjoni jekk id-disinn jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-kisba tal-protezzjoni u li, barra minn hekk, b'differenza mill-proċedura ta' regiestrazzjoni skont ir-Regolament Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja, ma jinvolvix fażi li tippermetti lill-proprietarju ta' disinn irregiestrat qabel jopponi għar-regiestrazzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija biss interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kull terz", fis-sens tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament, bħala li jinkludi terz li jkun il-proprietarju ta' disinn Komunitarju rreġistrat wara li tista' tiggarantixxi kemm l-għan ta' protezzjoni effikaċi tad-disinni Komunitarji rreġistrati, imfittex mir-Regolament, kif ukoll l-effett utli tal-azzjonijiet għal kontrafazzjoni.

- [Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2016, Thomas Philipps \(C-419/15, EU:C:2016:468\)](#)

Grüne Welle Vertriebs GmbH kienet id-detentriċi ta' liċenzja eskużiva, għall-Ġermanja, fuq mudell Komunitarju ta' blalen tal-ħasil. Din il-liċenzja ma kinitx irregiestrata fir-registro tad-disinni Komunitarji. Thomas Philipps GmbH kienet tiddistribwixxi oġġetti promozzjoni fosthom blalen tal-ħasil. Peress li qieset li dan il-prodott kien jikkostitwixxi kontrafazzjoni tad-disinn Komunitarju tal-blalen tal-ħasil irregiestrat u peress li qieset li hija kienet awtorizzata mill-proprietarju ta' dan id-disinn teżerċita f'isimha stess id-drittijiet kollha relatati ma' dan tal-aħħar, Grüne Welle Vertriebs intimat lil Thomas Philipps sabiex tieqaf milli tiddistribwixxi l-prodott inkwistjoni u fetħet kawża għall-kumpens għad-dannu mġarrab minnha.

Adita bit-tilwima, l-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf, il-Ġermanja) staqsiet, minn naħħa, jekk l-azzjoni ta' Grüne Welle Vertriebs kinitx ammissibbli fid-dawl tal-fatt li ma kinitx irregiestrata bħala dettentriċi ta' liċenzja fir-registro u, min-naħħa l-oħra, jekk setgħetx titlob kumpens għad-dannu mġarrab minnha stess.

Adita b'rinvju għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, l-ewwel, li l-ewwel sentenza tal-Artikolu 33(2) tar-Regolament Nru 6/2002 għandha tiġi interpretata fis-sens li d-detentur ta' liċenzja jista' jressaq azzjoni għal kontrafazzjoni tad-disinn Komunitarju rreġistrat li

## DISINNI KOMUNITARJI

jkun is-suġġett tal-liċenzja anki jekk din tal-aħħar ma tkunx irreġistru tad-disinni Komunitarji. It-tieni, I-Artikolu 32(3) tar-Regolament Nru 6/2002 għandu jiġi interpretat fis-sens li d-detentur ta' liċenzja jista', fil-kuntest ta' azzjoni għal kontrafazzjoni ta' disinn Komunitarju mressqa minnu konformement ma' din id-dispożizzjoni, iressaq talba għall-kumpens tad-dannu mgħarrab minnu stess.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, l-ewwel nett, li I-Artikolu 33(2) u (3) tar-Regolament Nru 6/2002 huwa intiż li jirregola l-invokabbiltà tal-atti legali msemmija fl-Artikoli 28, 29 u 32 tar-Regolament fil-konfront ta' terzi li jkollhom jew li jista' jkollhom drittijiet fuq id-disinn Komunitarju rreġistrat.

Sussegwentement, I-artikoli kollha li jinsabu fit-Titolu III tar-Regolament Nru 6/2002, intitolat "Disinji Komunitarji bħala oġġett ta' proprjetà", fosthom I-Artikolu 33 tal-imsemmi regolament, jinkludu regoli li jirrigwardaw id-disinni Komunitarji bħala oġġett ta' proprjetà. Dan jaapplika għall-Artikoli 28, 29 u 32 ta' dan ir-regolament, li jikkonċernaw atti li kollha jkollhom l-għan jew l-effett li joħolqu jew li jittrasferixxu dritt fuq id-disinn.

Fl-aħħar nett, fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament Nru 6/2002, id-dritt għad-detentur ta' liċenzja li jiftaħ proċedura għal kontrafazzjoni ta' disinn Komunitarju huwa suġġett biss, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt tal-liċenzja, għall-kunsens tal-proprjetarju ta' dan id-disinn.

Barra minn hekk, skont I-Artikolu 32(5) tar-Regolament Nru 6/2002, l-iskrizzjoni tal-liċenzja fir-reġistru titwettaq fuq talba ta' waħda mill-partijiet. Madankollu, dan I-artikolu, bħall-Artikolu 29 ta' dan ir-regolament, ma jinkludix dispożizzjoni analoga għal dik tal-Artikolu 28(b) tal-imsemmi regolament, li jipprovdli li "saż-żmien li fih it-trasferiment ikun iddaħħal fir-reġistru, is-suċċessur fit-titolu ma jistax jinvoka d-drittijiet li joħorġu mir-reġistrazzjoni ta' disinn Komunitarju".

Barra minn hekk, I-Artikolu 28(b) tar-Regolament Nru 6/2002 jiġi mċaħħad minn effett utli jekk I-Artikolu 33(2) ta' dan ir-regolament kellu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-invokazzjoni, fir-riġward tat-terzi kollha, tal-atti ġuridiċi kollha msemmija fl-Artikoli 28, 29 u 32 tal-imsemmi regolament, sakemm dawn l-atti ikunu għadhom ma ġewx iskritti fir-reġistru.

In-nuqqas ta' infurzabbiltà fil-konfront ta' terzi tal-atti ġuridiċi msemmija fl-Artikoli 28, 29 u 32 ta' dan ir-regolament li ma humiex iskritti fir-reġistru għandu l-għan li jipproteġi lil dak li jkollu jew li jista' jkollu drittijiet fuq disinn Komunitarju bħala oġġett ta' proprjetà. Minn dan jirriżulta li l-ewwel sentenza tal-Artikolu 33(2) tal-imsemmi regolament ma tapplikax f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali li fiha d-detentur tal-liċenzja jakkuża lil terz li, permezz ta' kontrafazzjoni tad-disinn, ikun kiser id-drittijiet mogħtija mid-disinn Komunitarju rreġistrat.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li I-Artikolu 32(3) u (4) tar-Regolament Nru 6/2002 jistabbilixxi sistema ta' rimedji disponibbli għad-detentur ta' liċenzja ta' disinn Komunitarju kontra l-awtur tal-kontrafazzjoni ta' dan id-disinn Komunitarju. Dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu lid-detentur ta' liċenzja jaġixxi jew permezz ta' azzjoni, billi jiftaħ kawża għal kontrafazzjoni bil-kunsens tal-proprjetarju tad-disinn jew, fil-każ ta' liċenzja esklużiva, wara intimazzjoni ta' dan il-proprjetarju fil-każ li ma jressaqx huwa stess azzjoni għal kontrafazzjoni fterminu adegwat, billi jagħmel intervent fl-azzjoni għal kontrafazzjoni mressqa mill-proprjetarju tad-disinn. Dan l-aħħar

## DISINNI KOMUNITARJI

rimedju huwa l-uniku wieħed disponibbli għad-detentur ta' liċenzja mhux eskużiva li ma jiksibx il-kunsens tal-proprietarju tad-disinn sabiex iressaq azzjoni waħdu.

Filwaqt li d-detentur ta' liċenzja jista' jitlob il-kumpens tad-dannu mġarrab minnu stess billi jagħmel intervent fl-azzjoni għal kontrafazzjoni mressqa mill-proprietarju tad-disinn Komunitarju, ma hemm xejn li jipprekludih milli jressaq l-istess talba meta jiftaħ l-azzjoni għal kontrafazzjoni huwa stess bil-kunsens tal-proprietarju tad-disinn Komunitarju jew, jekk ikun id-detentur ta' liċenzja eskużiva, mingħajr il-kunsens fil-każ ta' nuqqas ta' azzjoni min-naħħa tal-proprietarju wara li jkun ġie intimat sabiex jieħu tali azzjoni.

Barra minn hekk, is-sistema ta' rimedji disponibbli għad-detentur ta' liċenzja ma tkunx koerenti jekk id-detentur ta' liċenzja jkun jista' jiddefendi l-interessi tiegħi stess biss billi jagħmel intervent fl-azzjoni mressqa mill-proprietarju tad-disinn Komunitarju, minkejja li jkun jista' jaġixxi waħdu permezz ta' azzjoni bil-kunsens ta' dan il-proprietarju, jew anki mingħajr dan il-kunsens fil-każ ta' liċenzja eskużiva, sabiex jiddefendi l-interessi komuni tagħhom.

### III. Proċedura u kontenzjuż

#### 1. Applikazzjoni għal u proċedura ta' reġistrazzjoni – Data ta' referenza tal-eżami

- [Sentenza tas-16 ta' Frar 2017, Antrax It vs EUIPO – Vasco Group \(Termosifuni għal radjaturi\) \(T-828/14 u T-829/14, EU:T:2017:87\)](#)

Antrax It kienet il-proprietarja ta' żewġ disinni Komunitarji rregistriati mal-EUIPO, li jirrappreżentaw termosifuni, skont ir-Regolament Nru 6/2002. Il-Bord tal-Appell, filwaqt li annulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni li laqgħet it-talbiet għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa mill-kumpannija li kienet is-suċċessura fit-titolu ta' Vasco Group NV, minħabba nuqqas ta' motivazzjoni adegwata, iddikjara invalidi d-disinni kkontestati minħabba n-nuqqas ta' karattru individwali tagħhom.

Adita b'rirkorsi kontra din l-ewwel deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, il-Qorti Ġeneral kienet annullat l-imsemmija deċiżjoni minħabba nuqqas ta' motivazzjoni dwar il-kwistjoni tas-saturazzjoni tal-livell ta' żvilupp<sup>46</sup>. Il-kawżi b'hekk intbagħtu lura quddiem il-Bord tal-Appell li ddikjara mill-ġdid id-disinni kkontestati invalidi.

Il-Qorti Ġenerali čāħdet ir-rirkorsi ppreżentati quddiemha kontra d-deċiżjonijiet il-ġodda tal-Bord tal-Appell, filwaqt li għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet dwar id-data li fir-rigward tagħha għandu jiġi eżaminat il-karattru individwali ta' disinn u li għandha tiġi stabbilita l-eżistenza ta' saturazzjoni tal-livell ta' żvilupp fis-sens tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 6/2002. Ir-rikorrenti kienet qiegħda ssostni li l-Bord tal-Appell wettaq żball fir-rigward tal-mument li fih għandha tiġi evalwata s-saturazzjoni tal-livell ta' żvilupp billi kkunsidra d-data tal-ġhoti tad-deċiżjonijiet ikkонтestata, meta kien imissu wettaq l-evalwazzjoni fir-rigward tal-mument tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tad-disinni kkontestati.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali indikat li huwa fid-data tal-preżentata tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tad-disinn ikkонтestat li għandu jiġi eżaminat, konformement mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 6/2002, il-karattru individwali tad-disinn ikkonta u li għandha tiġi stabbilita l-eventwali eżistenza ta' saturazzjoni tal-livell ta' żvilupp. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li l-Bord tal-Appell wettaq żball ta' li ġi fir-rigward tad-data tal-evalwazzjoni tal-eventwali eżistenza ta' saturazzjoni tal-livell ta' żvilupp. Madankollu, hija kkonstatat li dan l-iżball ma setax iwassal għall-annullament tad-deċiżjonijiet ikkonta.

<sup>46</sup> Sentenza tat-13 ta' Novembru 20212, [Antrax It vs UASI – THC \(Radjaturi tat-tiġiha\)](#) (T-83/11 u T-84/11, EU:T:2012:592), esposta f'dan id-dokument tematiku fit-Taqsima "l. 3. d. Karattru individwali – Grad ta' libertà tad-disinjatur", p. 17.

## 2. Talba u proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

### a) Ammissibbiltà tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità

- [Sentenza tas-17 ta' Mejju 2018, Basil vs EUIPO – Artex \(Ofief speċjali għar-roti\) \(T-760/16, EU:T:2018:277\)](#)

Basil BV kienet il-proprietarja ta' disinn Komunitarju li jirrappreżenta qfief speċjali għar-roti. Artex Spa kienet ressjet quddiem I-EUIPO talba għad-dikjarazzjoni tal-invalidità ta' dan id-disinn għar-raġuni li ma kellux karattru individwali. Basil sostniet li din it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità kienet inammissibbli għaliex, f'deċiżjoni preċedenti, I-EUIPO kien digħi ċaħad talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa kontra d-disinn ikkонтestat.

L-EUIPO qies ammissibbli t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità u ddikjara d-disinn ikkонтestat invalidu.

Il-Qorti ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat quddiemha kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, filwaqt li fakkret li, fir-rigward tal-kwistjoni tal-ammissibbiltà ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' disinn li fir-rigward tiegħi l-EUIPO jkun digħi ċaħad tali talba f'deċiżjoni preċedenti, I-Artikolu 52(3) tar-Regolament Nru 6/2002 jipprovdi li talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa quddiem I-EUIPO għandha tkun inammissibbli jekk qorti tad-disinni Komunitarji tkun id-deċidiet bejn I-istess partijiet fuq talba li jkollha I-istess suġġett u I-istess kawża u jekk din id-deċiżjoni tkun kisbet l-awtorità ta' res judicata. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li dawn id-dispożizzjonijiet, li jirrigwardaw biss id-deċiżjonijiet tal-qrat tad-disinni Komunitarji, ma humiex applikabbli għal deċiżjoni tal-Uffiċċju.

Fil-fatt, fl-ewwel lok, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 80 tar-Regolament Nru 6/2002 jirriżulta li qorti ta' disinni Komunitarji hija qorti nazzjonali ta' Stat Membru. Għaldaqstant, I-Artikolu 52(3) tar-Regolament Nru 6/2002 ma jaapplikax meta l-Uffiċċju jkun digħi ta' deċiżjoni, iżda biss meta qorti nazzjonali ta' Stat Membru tkun għamlet dan.

Fit-tieni lok, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 86(5) tar-Regolament Nru 6/2002, li jipprovdu li ma tista' ssir l-ebda kontotalba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' disinn Komunitarju rreġistrat jekk deċiżjoni li tkun kisbet l-awtorità ta' res judicata tkun digħi ngħatat mill-Uffiċċju bejn I-istess partijiet fir-rigward ta' talba li jkollha I-istess suġġett u I-istess kawża, ma jirregolawx il-proċedimenti quddiem I-Uffiċċju u, b'mod partikolari, il-bordijiet tal-appell tiegħi, iżda l-proċeduri quddiem il-qrat ta' disinni Komunitarji.

Fit-tielet lok, hija eskluża applikazzjoni b'analoġija tal-Artikolu 52(3) tar-Regolament Nru 6/2002 għas-sitwazzjonijiet meta l-Uffiċċju jkun digħi ta' deċiżjoni fuq talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità. Fil-fatt, ma huwiex stabbilit li din id-dispożizzjoni għandha l-kun inkompatibbli ma' prinċipju ġenerali tad-dritt li tista' timtela b'applikazzjoni b'analoġija.

### b) Suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità

- [Sentenza tas-27 ta' April 2022, Group Nivelles vs EUIPO – Easy Sanitary Solutions \(Drejn għall-evakwazzjoni tal-ilma tad-doċċa\) \(T-327/20, EU:T:2022:263\)](#)<sup>47</sup>

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement<sup>48</sup>, il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità tippreċiżha l-kundizzjonijiet għad-determinazzjoni tas-suġġett ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità.

Wara li kkonstata li d-disinn preċedenti eżaminat mill-istanzi li ddeċidew preċedentement ma kienx jidher fit-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità, il-Bord tal-Appell tal-EUIPO ħa inkunsiderazzjoni biss, bħala disinn preċedenti, id-disinni msemmija f'din it-talba. Huwa ċaħad l-imsemmija talba għar-raġuni li d-disinn ikkонтestat kellu karattru individwali u għalhekk kien, a fortiori, ġdid.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-identifikazzjoni tad-disinn preċedenti għandha ssir sa mit-tressiq tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità, għaliex din tiddefinixxi s-suġġett tat-tilwima. Għalhekk, is-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-EUIPO sabiex jieħu inkunsiderazzjoni fatti u provi li l-partijiet ma jkunux ipproċuċew fil-ħin tista' tapplika biss għall-fatti u għall-provi u mhux għall-indikazzjoni u għar-riproduzzjoni tad-disinni preċedenti. Fil-fatt, għalkemm it-teħid inkunsiderazzjoni ta' provi addizzjonali jista' jestendi l-kuntest fattwali tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità billi jiżdied ma' provi oħra dwar id-disinni preċedenti digħi invokati, huwa ma jistax madankollu jestendi l-kuntest ġuridiku ta' din it-talba peress li l-portata tal-imsemmija talba kienet ġiet stabbilita b'mod definitiv fid-data tat-tressiq tagħha bl-identifikazzjoni tad-disinn preċedenti invokat. Konsegwentement, huma biss id-disinni preċedenti identifikati fit-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità li għandhom jiġu eżaminati.

### c) Portata tal-eżami tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità

- [Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2020, L.Oliva Torras vs EUIPO – Mecánica del Frío \(Tagħmir ta' ġgant għal vetturi\) \(T-100/19, EU:T:2020:255\)](#)

F'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat il-portata tal-eżami li għandu jsir mill-EUIPO fil-kuntest ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' disinn Komunitarju, ibbażata fuq l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 6/2002 u tat-deċiżjoni dwar il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni li għandu l-EUIPO f'dan ir-rigward.

Il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-EUIPO, dwar il-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn L.Oliva Torras u Mecánica del Frío, fir-rigward tad-disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta tagħmir ta' ġgant għal apparat ta' refriġerazzjoni jew ta' klimatizzazzjoni ma' vettura bil-mutur.

<sup>47</sup> L-appell ippreżentat minn din is-sentenza ġie miċħud permezz tad-digriet tas-16 ta' Diċembru 2022, [Group Nivelles vs EUIPO \(C-419/22 P, mhux ippubblifikat\)](#).

<sup>48</sup> Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima "I. 3. e. Karattru individwali - Impressjoni globali", p. 20.

## DISINNI KOMUNITARJI

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ĝeneralni kkonstatat li l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 6/2002 jagħti lill-istanzi tal-EUIPO, fil-kuntest tal-eżami ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità, il-kompetenza li jikkontrollaw l-osservanza tal-kundizzjonijiet essenzjali għall-protezzjoni tad-disinn Komunitarju, li huma stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 9 ta' dan ir-regolament. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li dawn il-kundizzjonijiet huma kumulattivi, u għalhekk in-nuqqas ta' osservanza ta' waħda minnhom jista' jwassal, fih innifsu, għall-invalidità tad-disinn inkwistjoni. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet jimplikaw l-implimentazzjoni ta' kriterji legali differenti. Konsegwentement, hija qieset li l-Artikolu 25(1)(b) tal-imsemmi regolament, moqrri fid-dawl tal-kuntest u tal-għanijiet tiegħi, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jimplikax neċċesarjament eżami tal-osservanza tal-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 9 ta' dan l-istess regolament, iżda jista' jimplika, fid-dawl tal-fatti, tal-provi u tal-osservazzjonijiet prodotti mill-partijiet, eżami biss tal-osservanza ta' waħda biss minn dawn il-kundizzjonijiet jew ta' parti minnhom.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ĝeneralni rrilevat li huwa fid-dawl tal-punti ta' fatt u ta' liġi esposti insostenn tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità li l-Bord tal-Appell għandu jiddejher liema huma l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 9 tar-Regolament Nru 6/2002 li n-nuqqas ta' osservanza tagħhom ikun ġie invokat fil-każ ineżami u li huwa għandu jeżamina, billi jieħu inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, il-fatti magħrufa u l-kwistjonijiet ta' dritt mhux imqajma mill-partijiet, li iżda jkunu neċċesarji għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti. B'hekk, il-Qorti Ĝeneralni kkonkludiet li l-Bord tal-Appell żabalja meta qies li, peress li t-talba tar-rikorrenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità kienet ibbażata fuq l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 6/2002, din tal-aħħar kellha l-intenzjoni li tinvoka n-nuqqas ta' osservanza, mid-disinn ikkontestat, tar-rekwiżiti kollha previsti fl-Artikoli 5, 6, 8 u 9 ta' dan ir-regolament.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ĝeneralni laqgħet l-ilment tar-rikorrenti li l-Bord tal-Appell naqas milli jagħti deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk id-disinn ikkontestat kienx jirrigwarda komponent ta' prodott kumpless li, ladarba inkorporat fl-imsemmi prodott, jibqa' viżibbli fl-użu normali tal-prodott, fis-sens tal-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament Nru 6/2002, meta din il-kwistjoni kienet ġiet ittrattata fil-komunikazzjoni tas-16 ta' Mejju 2018<sup>49</sup> u fl-osservazzjonijiet sussegħenti tal-partijiet.

F'dan id-dawl, il-Qorti Ĝeneralni kkonstatat, l-ewwel nett, li l-konkużjonijiet tal-Bord tal-Appell fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan l-artikolu ma kinux joħorġu, b'mod evidenti, mill-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, la għall-partijiet u lanqas għall-qorti tal-Unjoni. B'mod partikolari, hija speċifikat li l-motivi invokati mill-EUIPO, għall-ewwel darba, quddiem il-qorti tal-Unjoni u misluta mill-fatt li r-rikorrenti ma kinitx talbet l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament Nru 6/2002, ma setgħux jikkumpensaw għan-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

Sussegwentement, hija rrilevat li, minn naħħa, il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament Nru 6/2002 kienx applikabbi f'dan il-każ seta' jkollha, bħala prinċipju, importanza essenzjali fl-istruttura tad-deċiżjoni kkontestata, fid-dawl tal-effett potenzjali tagħha fuq il-motivi u d-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni. Min-naħħa l-oħra, skont il-Qorti Ĝeneralni, mill-kliem tal-komunikazzjoni tas-16 ta' Mejju 2018 kien jirriżulta li l-Bord tal-Appell kien qies, f'dak l-istadju tal-proċedimenti, li l-allegazzjonijiet tal-partijiet u l-provi prodotti insostenn ta' dawn l-allegazzjonijiet

<sup>49</sup> Komunikazzjoni indirizzata lill-partijiet mill-Bord tal-Appell, li tindika li d-disinn ikkontestat kello jiġi ddikjarat invalidu għaliex il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 6/2002 ma kinux osservati.

kienu juru li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament Nru 6/2002 ma kinux issodisfatti.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ĝeneralni kkonkludiet li, għalkemm il-Bord tal-Appell ma setax jitqies li huwa marbut bil-komunikazzjoni tiegħu tas-16 ta' Mejju 2018, huwa madankollu kien obbligat li jimmotiva debitament ir-raġunijiet li għalihom huwa qies li ma kellux jimxi mal-konklużjonijiet ta' din il-komunikazzjoni, peress li din tal-aħħar kif ukoll l-osservazzjonijiet sussegwenti tal-partijiet kien jagħmlu parti mill-kuntest li fih huwa adotta d-deċiżjoni kkontestata. Hija enfasizzat, b'mod partikolari, li ma kienx il-kompli tagħha li tissostitwixxi lill-Bord tal-Appell fl-eżami tal-argumenti, tal-fatti u tal-provi mressqa mir-rikorrenti li l-istess bord għandu jwettaq sabiex jiddejher jekk l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament Nru 6/2002 kinitx inkwistjoni fit-tilwima li kellu quddiemu. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti Ĝeneralni annullat id-deċiżjoni kkontestata. Madankollu, hija ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għal bidla fuq il-bażi tal-ġurisprudenza "Edwin".

#### d) Provi mhux prodotti fil-ħin

- [Sentenza tal-10 ta' Novembru 2021, Sanford vs EUIPO – Avery Zweckform \(Tikketti\) \(T-443/20, EU:T:2021:767\)<sup>50</sup>](#)

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement 51, il-Qorti Ĝeneralni applikat, fil-qasam tad-disinni Komunitarji, prinċipji dwar l-ammissibbiltà tal-provi prodotti tard.

F'dan ir-rigward, hija rrilevat li l-EUIPO għandu, fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-provi prodotti tard, setgħa diskrezzjoni wiesgħa sa fejn jista' ma jiħux inkunsiderazzjoni provi li l-partijiet ma jkunux ipproċew fil-ħin 52. Il-Qorti Ĝeneralni fakkret li, meta l-EUIPO jintalab jiddeċiedi fil-kuntest ta' proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità, teħid inkunsiderazzjoni tal-provi prodotti tard jista' jkun iġġustifikat meta dawn ikunu rilevanti għal dak li jirrigwarda l-eżitu tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità, meta l-fatti ma jipprekludux dan it-teħid inkunsiderazzjoni u meta dawn jiġi prodotti b'mod addizzjonal għall-provi li jkunu ġew prodotti fit-terminu mogħti.

F'dan il-każ, il-Qorti Ĝeneralni qieset li l-Bord tal-Appell kien għamel użu xieraq mis-setgħa diskrezzjoni tiegħu. Fil-fatt, il-provi prodotti għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell kien intiżi li juru l-eżistenza tal-iżvelar tad-disinn preċedenti. Barra minn hekk, dawn il-provi kienu prodotti b'mod addizzjonal għal dawk digħi prodotti quddiem id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, li kien tqiesu insuffiċjenti sabiex jiġi stabbiliti żvelar. Għaldaqstant, dawn il-provi kienu rilevanti għar-riżoluzzjoni tat-tilwima u setgħu validament jikkompletaw il-provi digħi prodotti.

Barra minn hekk, l-ammissibbiltà tal-provi inkwistjoni ma kisritx id-dritt għal smiġħ tar-rikorrenti, peress li setgħet tippreżenta osservazzjonijiet f'dan ir-rigward quddiem il-Bord tal-Appell.

<sup>50</sup> Ara wkoll it-Taqṣima "I. 3. a. Karattru individwali – Kriterji ta' evalwazzjoni".

<sup>51</sup> Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqṣima "I. 3. e. Karattru individwali – Impressjoni globali", p. 20.

<sup>52</sup> Skont l-Artikolu 63(2) tar-Regolament Nru 6/2002.

### e) Żamma b'forma modifikata

- [Digriet tal-25 ta' Ottubru 2021, 4B Company vs EUPO – Deenz \(Pendent \(gojell\)\) \(T-329/20, EU:T:2021:732\)](#)

A kienet il-proprietarja ta' disinn Komunitarju li jirrappreżenta pendent fil-forma ta' qalb li fuqu kienet imnaqqxa l-kelma "pianegonda". 4B Company Srl ressjet, quddiem l-EUIPO, talba għad-dikjarazzjoni tal-invalidità ta' dan id-disinn għar-raġuni li, f'dan tal-aħħar, kien qiegħed jintuża sinjal distintiv preċedenti. Din it-talba kienet ibbażata fuq l-użu tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea tagħha PIANEGONDA, irregjistrata għal prodotti li jaqgħu taħt il-ġojjellerija.

Fil-kuntest tal-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità, A talbet iż-żamma tad-disinn ikkontestat b'forma modifikata, konformement mal-Artikolu 25(6) tar-Regolament Nru 6/2002, mingħajr it-tinqix tal-kelma korrispondenti għat-trade mark verbali PIANEGONDA. 4B Company oġġezzjonat għaż-żamma tad-disinn b'forma modifikata għar-raġuni li, fil-fehma tagħha, it-tnejħija tat-trade mark ma kinitx tippermetti li tinżamm l-identità tad-disinn. Dan id-disinn ġie sussegwentement ittrasferit lil Deenz Holding Ltd.

Id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO ċaħdet it-talba għaż-żamma tad-disinn ikkontestat b'forma modifikata u ddikjaratu invalidu fl-intier tiegħu. Fuq appell ippreżentat minn Deenz Holding, il-Bord tal-Appell tal-EUIPO ddikjara d-disinn ikkontestat invalidu sa fejn kien juża t-trade mark verbali PIANEGONDA u laqa' t-talba għaż-żamma tiegħu b'forma modifikata.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat minn 4B Company, il-parti li kienet talbet dikjarazzjoni ta' invalidità, għar-raġuni li din tal-aħħar ma kellhiex interess ġuridiku fil-kuntest ta' talba għaż-żamma tar-reġistrazzjoni tad-disinn ikkontestat b'forma modifikata, li kienet tressjet wara l-annullament ta' dan id-disinn.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali rrilevat, l-ewwel nett, li s-sistema implementata għar-reġistrazzjoni tad-disinni Komunitarji hija bbażata fuq il-prinċipju li l-applikazzjonijiet kollha li jissodis faw kundizzjonijiet formali jiġi rreġistra fir-registro tad-disinni Komunitarji. Huwa biss wara talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' disinn Komunitarju rreġistra li dan ikun jista' jiġi ddikjarat invalidu, b'mod partikolari jekk ikun sar użu minn sinjal distintiv preċedenti bħal, kif kien il-każ hawnhekk, trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea li tkun proprietà tal-parti li ressjet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali osservat li l-Artikolu 25(6) tar-Regolament Nru 6/2002 jippermetti li tinżamm ir-reġistrazzjoni ta' disinn Komunitarju billi jitneħħa l-element ivvizzjat b'irregolarità. Din il-possibbiltà, bħala soluzzjoni alternattiva għall-invalidità tad-disinn kollu kemm hu, tiżgura l-proportionalità tas-sanzjoni. Fil-fatt, iż-żamma tad-disinn ikkontestat, sa fejn din iż-żamma tkun suġġetta għal rinunzja parżjali, tkopri kemm il-protezzjoni tal-interessi tal-proprietarju ta' dan id-disinn kif ukoll dawk tal-proprietarju tas-sinjal li l-użu tiegħu wassal għall-annullament.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li d-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni kienet iddeċidiet fuq żewġ talbiet, jiġifieri, minn naħħa, it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa mill-parti li talbet

tali dikjarazzjoni, talba li f'dan il-każ intlaqgħet u, min-naħħa l-oħra, it-talba tal-proprietarju tad-disinn ikktestat, intiża għaż-żamma tiegħu f'forma modifikata, talba li għiet miċħuda.

Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li din it-tieni parti tad-deċiżjoni ma tistax titqies li kienet deċiżjoni li tilqa' l-ewwel talba.

Għaldaqstant, peress li l-Bord tal-Appell laqa' t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità, ir-rikors mill-parti li ressqt tali talba, ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, ma seta' jkun ta' ebda beneficiċju għaliha.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-parti li tressaq talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ma tistax titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell sa fejn dan ikun laqa' t-talba għaż-żamma tad-disinn ikktestat b'forma modifikata. Fil-fatt, jekk tiġi ammessa tali possibbiltà, dan ikun ifisser li tali parti tkun qiegħda tithallu tintervjeni fil-parti tal-proċedura li tikkonċerna t-talba tal-proprietarju tad-disinn ikktestat. Meta tinvoka ksur tal-Artikolu 25(6) tar-Regolament Nru 6/2002, filwaqt li t-talba tagħha għal dikjarazzjoni ta' invalidità tkun ibbażata fuq l-Artikolu 25(1)(e) tal-istess regolament, il-parti li tressaq talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tkun qiegħda tipprova tibbel is-suġġett tat-talba tagħha għal dikjarazzjoni ta' invalidità, kif ukoll ir-raġunijiet invokati insostenn tagħha.

Fit-tielet lok, il-fatt li l-parti li tressaq talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tkun tixtieq li d-disinn jiġi annullat fl-intier tiegħu ma jistax jikkostitwxi interess eżistenti u attwali li jinkiseb l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li din il-parti ma jkollhiex interess fl-annullament ta' din id-deċiżjoni.

### **3. Kawżi quddiem il-qorti tal-Unjoni – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju**

- [Sentenza tat-18 ta' Ottubru 2012, Neuman u Galdeano del Sel vs Baena Grupo \(C-101/11 P u C-102/11 P, EU:C:2012:641\)](#)

Baena Grupo kienet il-proprietarja ta' disinn Komunitarju li jirrappreżenta persunaġġ bilqiegħda. H. Neuman u A. Galdeano del Sel ressqu quddiem I-EUIPO talba għad-dikjarazzjoni tal-invalidità ta' dan id-disinn. L-EUIPO kien annulla d-disinn ikktestat għar-raġuni li ma kellux karattru individwali. Adita b'rrikors għal annullament, il-Qorti Ġenerali rrilevat li d-disinn ikktestat kien jiproduċi, għall-utent avżat, impressjoni globali differenti minn dik prodotta mit-trade mark preċedenti u annullat id-deċiżjoni tal-EUIPO.

Adita b'appell, li fih l-EUIPO sostna li l-Qorti Ġenerali kienet qabżet il-limiti tal-istħarriġ tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet dan l-appell kif ukoll l-appelli ppreżentati mill-partijiet l-oħra u tat-deċiżjoni dwar il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat mill-Qorti Ġenerali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-kuntest ta' rikors għal annullament ippreżentat kontra deċiżjoni tal-EUIPO, il-Qorti Ġenerali tista' twettaq stħarriġ komplet tal-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell tal-Uffiċċju, jekk ikun meħtieġ billi tistħarreġ jekk dawn il-bordijiet ikunux għamlu klassifikazzjoni ġuridika korretta tal-fatti tat-tilwima jew jekk l-evalwazzjoni tal-punti ta' fatt imressqa quddiem l-imsemmija bordijiet kinitx ivvizzata bi żbalji. Fil-fatt, meta tintalab

## DISINNI KOMUNITARJI

tevalwa l-legalità ta' deċiżjoni ta' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju, il-Qorti Ġeneral ma tistax tkun marbuta minn evalwazzjoni żbaljata tal-fatti magħmula minn dan il-bord sa fejn l-imsemmija evalwazzjoni tagħmel parti mill-konklużjonijiet li l-legalità tagħhom tkun qiegħda tiġi kkontestata quddiem il-Qorti Ġeneral.

Madankollu, il-Qorti Ġeneral tista' tirrikonoxxi li l-Uffiċċju, b'mod partikolari meta dan tal-aħħar ikollu jwettaq evalwazzjonijiet tekniċi ħafna, għandu ċertu marġni ta' diskrezzjoni u tillimita ruħha, f'dak li jikkonċerna l-portata tal-istħarriġ tagħha tad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell fil-qasam tad-disinni industrijali, għal eżami tal-iż-żbalji manifesti ta' evalwazzjoni.

## LISTA TAD-DEĊIJONIJIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA U TAL-QORTI ĠENERALI EŻAMINATI

[ELENKATI F'ORDNI KRONOLOĠIKU]

### II-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tat-2 ta' Lulju 2009, FEIA (C-32/08, EU:C:2009:418) .....	p. 38
Sentenza tal-20 ta' Ottubru 2011, PepsiCo vs Grupo Promer Mon Graphic (C-281/10 P, EU:C:2011:679).....	p. 12
Sentenza tas-16 ta' Frar 2012, Celaya Emparanza y Galdos International (C-488/10, EU:C:2012:88).....	p. 39
Sentenza tat-18 ta' Ottubru 2012, Neuman u Galdeano del Sel vs Baena Grupo (C-101/11 P u C-102/11 P, EU:C:2012:641) .....	p. 49
Sentenza tad-19 ta' Ġunju 2014, Karen Millen Fashions (C-345/13, EU:C:2014:2013).....	p. 8
Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2016, Thomas Philipps (C-419/15, EU:C:2016:468).....	p. 40
Sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Easy Sanitary Solutions u EUIPO vs Group Nivelles (C-361/15 P u C-405/15 P, EU:C:2017:720) .....	p. 4, 6 u 19
Sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Acacia u D'Amato (C-397/16 u C-435/16, EU:C:2017:992) .....	p. 27
Sentenza tat-8 ta' Marzu 2018, DOCERAM (C-395/16, EU:C:2018:172) .....	p. 29
Sentenza tal-5 ta' Lulju 2018, Mast-Jägermeister vs EUIPO (C-217/17 P, EU:C:2018:534).....	p. 3
Sentenza tat-28 ta' Ottubru 2021, Ferrari (C-123/20, EU:C:2021:889).....	p. 26

### IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tat-18 ta' Marzu 2010, Grupo Promer Mon Graphic vs UASI – PepsiCo (Rappreżentazzjoni ta' oġġett promozzjonalni ċirkulari) (T-9/07, EU:T:2010:96) .....	p. 32
Sentenza tat-12 ta' Mejju 2010, Beifa Group vs UASI – Schwan-Stabilo Schwanhäußer (Strument tal-kitba) (T-148/08, EU:T:2010:190) .....	p. 34
Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2010, Shenzhen Taiden vs UASI – Bosch Security Systems (Apparat għall-komunikazzjoni) (T-153/08, EU:T:2010:248) .....	p. 10 u 12

## DISINNI KOMUNITARJI

Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2011, Sphere Time vs UASI – Punch (Arloġġ imwahħħal ma' ċinga) (T-68/10, EU:T:2011:269) .....	p. 13, 17 u 24
Sentenza tat-13 ta' Novembru 2012, Antrax It vs UASI – THC (Radjaturi tat-tisħin) (T-83/11 u T-84/11, EU:T:2012:592) .....	p. 14
Sentenza tas-6 ta' Ġunju 2013, Kastenholz vs UASI – Qwatchme (Uċuh ta' arloġġ) (T-68/11, EU:T:2013:298).....	p. 7
Sentenza tat-23 ta' Ottubru 2013, Viejo Valle vs UASI – Établissements Coquet (Kikkra u plattina bl-istrixxi u platt tas-soppa bl-istrixxi) (T-566/11 u T-567/11, EU:T:2013:549).....	p. 36
Sentenza tal-21 ta' Novembru 2013, El Hogar Perfecto del Siglo XXI vs UASI – Wenf International Advisers (Trabixu) (T-337/12, EU:T:2013:601) .....	p. 8
Sentenza tad-9 ta' Settembru 2014, Biscuits Poult vs UASI – Banketbakkerij Merba (Gallettina) (T-494/12, EU:T:2014:757) .....	p. 25
Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2014, Cezar vs UASI – Poli-Eco (Zokklu) (T-39/13, EU:T:2014:852).....	p. 25
Sentenza tal-21 ta' Mejju 2015, Senz Technologies vs UASI – Impliva (Umbrelel għax-xita) (T-22/13 u T-23/13, EU:T:2015:310) .....	p. 20
Sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, H&M Hennes & Mauritz vs UASI – Yves Saint Laurent (Basktijiet tal-idejn) (T-525/13, EU:T:2015:617) .....	p. 14
Sentenza tas-16 ta' Frar 2017, Antrax It vs EUIPO – Vasco Group (Termosifuni għal radjaturi) (T-828/14 u T-829/14, EU:T:2017:87).....	p. 43
Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2017, Ball Beverage Packaging Europe vs EUIPO – Crown Hellas Can (Laned) (T-9/15, EU:T:2017:386) .....	p. 5
Sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Gramberg vs EUIPO – Mahdavi Sabet (Għata għal telefon ċellulari) (T-166/15, EU:T:2018:100) .....	p. 21
Sentenza tas-17 ta' Mejju 2018, Basil vs EUIPO – Artex (Qfief speċjali għar-roti) (T-760/16, EU:T:2018:277) .....	p. 44
Sentenza tas-6 ta' Ġunju 2019, Rietze vs EUIPO – Volkswagen (Vettura VW Caddy) (T-192/18, EU:T:2019:379) .....	p. 22
Sentenza tas-6 ta' Ġunju 2019, Porsche vs EUIPO – Autec (Vetturi bil-mutur) (T-209/18, EU:T:2019:377).....	p. 16
Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2019, Visi/one vs EUIPO – EasyFix (Tabelli li jiddendlu għall-karozzi) (T-74/18, EU:T:2019:417) .....	p. 13 u 20
Sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, Piaggio & C. vs EUIPO – Zhejiang Zhongneng Industry Group (Motoċikletti) (T-219/18, EU:T:2019:681) .....	p. 35 u 36

## DISINNI KOMUNITARJI

- Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2020, L. Oliva Torras vs EUIPO – Mecánica del Frío (Tagħmir ta' gganċjar għal vetturi) (T-100/19, EU:T:2020:255) .....p. 45
- Sentenza tat-18 ta' Novembru 2020, Tinnus Enterprises vs EUIPO – Mystic Products u Koopman International (Tagħmir għad-distribuzzjoni ta' fluwidi) (T-574/19, EU:T:2020:543) .....p. 31
- Sentenza tal-21 ta' April 2021, Bibita Group vs EUIPO – Benkomers (Flixkun tax-xorb) (T-326/20, EU:T:2021:208) .....p. 33
- Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2021, Davide Groppi vs EUIPO – Viabizzuno (Lampagħal fuq il-mejda) (T-187/20, EU:T:2021:363) .....p. 9 u 10
- Sentenza tal-20 ta' Ottubru 2021, JMS Sports vs EUIPO – Inter-Vion (Lastiku tax-xagħar f'forma spirali) (T-823/19, EU:T:2021:718) .....p. 27
- Digriet tal-25 ta' Ottubru 2021, 4B Company vs EUIPO – Deenz (Pendent (ġojjell)) (T-329/20, EU:T:2021:732) .....p. 48
- Sentenza tal-10 ta' Novembru 2021, Eternit vs EUIPO – Eternit Österreich (Pannelli għall-kostruzzjoni) (T-193/20, EU:T:2021:782) .....p. 11
- Sentenza tal-10 ta' Novembru 2021, Sanford vs EUIPO – Avery Zweckform (Tikketti) (T-443/20, EU:T:2021:767) .....p. 17 u 47
- Sentenza tas-27 ta' April 2022, Group Nivelles vs EUIPO – Easy Sanitary Solutions (Drejn għall-evakwazzjoni tal-ilma tad-doċċa) (T-327/20, EU:T:2022:263) .....p. 18 u 450